Is-sidien tal-bastimenti kollha huma avżati li nhar it-Tnejn, 8 ta' Settembru, 2014, bejn id-9.00 a.m. u s-7.30 p.m., bastimenti li jkunu deħlin ma jitħallewx jersqu għall-ebda rmiġġ fil-Lbiċ ta' linja li tgħaqqad Lascaris u l-Arblu ta' Forti Sant' Anġlu. Inġenji żgħar fil-Marsa ma jitħallewx

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 59 of 2014

8th September Regatta in
Valletta Grand Harbour

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies that the 8 September 2014 Regatta will be held in Grand Harbour. Sinkers and marker buoys will be laid as follows:

1. On Friday, 5th September 2014, 3 sinkers with marker buoys will be laid in the following positions:

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
(i)	35°53'.573	14°30'.952
(ii)	35°53'.490	14°30'.824
(iii)	35°53'.443	14°30'.750

2. On Monday 8th September 2014 as from 8.00 a.m., wire ropes with floats will be laid in the following positions:

a. from buoy (i) off St Angelo Point to buoy (ii) near Senglea Point.

b. from buoy (ii) near Senglea Point to point (iii) Senglea Point opposite the entrance to French Creek;

c. from buoy (i) to a point ashore beneath Lascaris Bastion, position:-

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35°53'.74	14°30'.85

d. from approximately the South West corner at Ras Ħanżir II (bollard 12) to bollard 22 at Deep Water Quay.

3. The wire ropes and floats will be removed on the completion of the Regatta at approximately 7.30 p.m. on Monday 8th September 2014.

4. The sinkers and marker buoys mentioned in 1 above will then be removed on Tuesday 9th September 2014.

Masters of all vessels are notified that on Monday 8th September 2014 between 9.00 a.m. and about 7.30 p.m., incoming vessels will not be allowed to proceed to any berth South West of a line joining Lascaris and Fort St Angelo Flagstaff. Small craft in "The Marsa" will not be allowed

jaqbżu l-linja tat-tluq murija f'(2d) wara d-9.00 a.m. L-ebda bastiment ma jitħalla qrib il-linja tat-tmiem ħlief dawk li jkunu involuti fit-tlielaq. L-ebda bastiment ma jitħalla jiċċaqlaq fil-Port il-Kbir, jekk ma jkollux permess speċjali.

Is-sidien tal-bastimenti kollha huma avżati wkoll li l-ħbula tal-*wire* u sufruni jistgħu jikkawżaw xkiel u minħabba f'hekk għandhom ibaħħru b'kawtela kbira. Għandha tingħata l-istess kawtela meta jkunu qrib dawn il-ħbula tal-*wire* u sufruni meta dawn ikunu qed jintremew jew jitneħħew. Il-baħħara huma avżati biex jobdu l-ordnijiet kollha li jingħataw mill-Pulizija u l-Forzi Armati ta' Malta li jkunu jgħassu fl-inħawi u mill-Valletta VTS (Valletta Port Control).

Chart affettwata: BA 177

Id-29 ta' Awwissu, 2014

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 60 tal-2014

Aktar ġbid ta' films fil-Bajja ta' Mġarr ix-Xini, Għawdex

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara, sidien ta' bastimenti u għawwiema li b'żieda mal-Avviż lill-Baħħara Nru. 41 tal-2014 rigward Iffilmjar fil-Bajja ta' Mġarr ix-Xini, l-attivitajiet tal-iffilmjar ġew estiżi sal-15 ta' Novembru 2014.

Attivitajiet oħra ta' ffilmjar se jsiru minn *yacht* li se jkun bejn iż-żona ta' Mġarr ix-Xini u l-Bajja tad-Dwejra bejn id-9 ta' Settembru 2014 u l-25 ta' Settembru, 2014 jekk it-temp jippermetti.

Minħabba dan ta' fuq, il-baħħara, sidien ta' bastimenti u għawwiema huma avżati biex ma jidħlux fil-bajja mingħajr permess mid-Direttorat tal-Portijiet u l-*Yachting* jew mingħajr l-istruzzjonijiet mill-organizzaturi tal-film u joqgħod minn tal-inqas mil nawtiku bogħod miż-żona msemmija hawn fuq bejn id-9 ta' Settembru 2014 u l-25 ta' Settembru, 2014

Il-baħħara għandhom jobdu l-ordinijiet maħruġa mill-Valletta Port Control (Valletta VTS), u mill-Pulizija fiż-żona.

Charts affettwati: BA 211A, 194 and 2537.

Id-29 ta' Awwissu, 2014

to proceed beyond the starting line indicated in (2d) above after 9.00 a.m.. No vessel will be allowed near the finishing line except those involved in the races. No movements of vessels will be allowed inside Grand Harbour, except by special permission.

Masters of all vessels are also warned that the wire ropes and floats may cause a physical obstruction and consequently they are to navigate with caution. Caution is also to be exercised when in the vicinity of such wire ropes and floats when these are being laid or removed. Mariners are instructed to obey any instructions issued by the Police, Transport Malta Enforcement officers and Armed Forces of Malta patrolling the area and by Valletta VTS (Valletta Port Control).

Chart affected: BA 177

29th August, 2014

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 60 of 2014

Further filming at "Il-Bajja ta' Mġarr ix-Xini," Gozo

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies all mariners, owners of vessels and bathers, that further to Notice to mariners No. 41 of 2014 regarding filming at "Il-Bajja ta' Mġarr ix-Xini" the filming activities have been extended to 15th November 2014

Other filming activities will take place from a cruising yacht in area between "Mġarr ix-Xini" and "il-Bajja tad-Dwejra" between 9th September 2014 and 25th September 2014, weather permitting.

In view of the above Mariners, owners of vessels and bathers are instructed not to enter the above bay without prior permission from the Ports and Yachting Directorate or under instructions of the filming organisers and to give a wide berth of about 1 Nautical Mile to the above mentioned area between 9th September 2014 and 25th September 2014.

Mariners are to comply with instructions issued by VTS (Valletta Port Control) and police in the area.

Charts affected: BA 211A, 194 and 2537.

29th August, 2014

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 61 tal-2014

Attività tal-għawm mill-HSBC bejn Għawdex u Malta

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf li l-HSBC se jorganizzaw attività tat-*Thriathlon* għall-*Community Chest Fund* nhar is-Sibt 7 ta' Settembru 2014 bejn Għawdex u Malta.

Il-parteċipanti se jitilqu minn Ħondoq ir-Rummien, Għawdex għal ħabta tat-8.30 a.m. Huma se jgħumu lejn Bejn il-Kmien, Kemmuna u wara lejn iċ-Ċirkewwa filwaqt li jgħaddu bejn il-*farm* tat-tonn li jinsab fin-naħa tan-Nofsinhar ta' Kemmuna u Kemmuna kif muri fiċ-*chart* li tinsab fis-sit ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt). Din l-attività mistennija tieħu madwar erba' (4) sigħat, jekk it-temp jippermetti.

Bastiment tal-għajnuna se jkun qed jakkumpanja lill-għawwiema.

Il-baħħara huma avżat li joqogħdu attenti u jinnavigaw bilmod u jżommu 'l bogħod miż-żona waqt il-ħin msemmi. Huma għandhom jobdu l-ordinijiet maħruġa mill-Valletta Port Control (Valletta VTS), u mill-Pulizija fiż-żona.

Charts affettwati: BA 211A, 2537 and 2538.

Id-29 ta' Awwissu, 2014

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 61 of 2014

HSBC – Swimming event between Gozo and Malta

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies that HSBC will be organising a Triathlon event in aid of the Community Chest Fund on Sunday 7th September 2014 between Gozo and Malta.

Participants will depart from Ħondoq Ir-Rummien, Gozo at approximately 8.30 a.m.. They are to swim towards the Blue Lagoon in Comino and then towards Cirkewwa passing between the tuna farm located on the south side of Comino and Comino as per chart found on Transport Malta's website (www.transport.gov.mt). The swimming event is expected to take around four (4) hours, weather permitting.

Support vessels will accompany the participating swimmers.

Mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate at slow speed and keep well clear of the area during the stipulated time giving the swimmers a wide berth. They are to obey any instructions issued by Valletta Port Control (Valletta VTS).

Charts affected: BA 211A, 2537 and 2538

29th August, 2014

MINISTERU GĦAD-DJALOGU SOĊJALI, AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR U LIBERTAJIET ĊIVILI

Post ta' *Economics Officer* fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg

(Approvazzjoni skont il-capacity building datata t-22 ta' Lulju, 2014)

Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Id-Direttur, Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg, Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Economics Officer* fil-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili.

Termini u kundizzjonijiet

2.1 Is-salarju għall-post ta' *Economics Officer* huwa ta' Skala ta' Salarju 10, €17,135.98 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €19,582.

MINISTRY FOR SOCIAL DIALOGUE, CONSUMER AFFAIRS AND CIVIL LIBERTIES

Post of Economics Officer in the Department of Industrial and Employment Relations

(Capacity building approval dated 22nd July, 2014)

In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender.

The Director, Industrial & Employment Relations, Ministry for Social Dialogue, Consumer Affairs and Civil Liberties invites applications for the post of Economics Officer in the Department of Industrial and Employment Relations.

Terms and Conditions

2.1 The salary for the post of Economics Officer is Salary Scale 10, that is, €17,135.98 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €19,582.

2.2 Persuna fil-grad ta' *Economics Officer* titla' fi Skala 9 (€18,254.02x €447.33 - €20,938) wara sentejn (2) servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3 Persuna fil-grad ta' *Economics Officer* tiġi promossa għall-grad ta' *Senior Economics Officer* fi Skala 8 (€19,475.02 x €486.83 - €22,396) wara għaxar (10) snin servizz fil-grad ta' *Economics Officer* jew tmien (8) snin jekk ikollha xi kwalifika ta' wara l-gradwazzjoni xierqa u rikonoxxuta, dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti. Persuna fil-grad ta' *Senior Economics Officer* titla' fi Skala 7 (€20,809.98 x €531.17 - €23,997) wara sentejn (2) servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

Dmirijiet

3**.** Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Economics Officer* jinkludu:

Twettiq ta' xogħol ta' riċerka fit-Taqsima *Research and IT* tad-Dipartiment;

Twettiq ta' analiżi ekonomika u l-kumpilazzjoni ta' *data* statistika, rapporti ekonomiċi u dokumenti oħra;

Implimentazzjoni ta' xogħol ta' riċerka bil-ħsieb li tkun ipprovduta informazzjoni li tippermetti l-preżentazzjoni ta' proposti għal proġetti ffinanzjati b'fondi Ewropej;

Twettiq ta' dmirijiet oħra relatati mal-funzjonijiet tat-Taqsima *Research and IT* tad-Dipartiment;

Iżomm aġġornata ma' żviluppi fil-leġiżlazzjoni Ewropea dwar ix-xogħol u fil-Liġi Maltija dwar l-Impjiegi;

Dmirjiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

2.2 An Economics Officer will progress to Scale 9 (€18,254.02x €447.33 - €20,938) on completion of two years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.3 An Economics Officer will be promoted to the grade of Senior Economics Officer in Scale 8 (€19,475.02x €486.83 - €22,396) on completion of ten (10) years service in the grade of Economics Officer, or eight (8) years if in possession of a recognised and appropriate post-graduate qualification, subject to satisfactory performance. A Senior Economics Officer will progress to Scale 7 (€20,809.98 x €531.17 - €23,997) on completion of two (2) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

Duties

3. The duties of Economics Officers include:

Performing research work within the Research ad IT Branch of the Department;

Performing economic analysis and compiling statistical data, economic reports and other documents;

Implementing research work with a view to provide information to enable the submission of proposals for EU-funded projects;

Carrying out other duties arising from the functions of the Research and IT Branch of the Department;

Keep abreast with developments in EU Labour legislation and Maltese Labour Law;

Performing other duties according to the exigencies of the Public Service, as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u Ingliża;

(ii) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

(iii) ikollhom mill-anqas *first degree* rikonoxxuta (MQF Livell 6) jew kwalifika rikonoxxuta, xierqa u komparabbli, fl-Ekonomija, fl-Istatistika, fl-*Accountancy*, fi-Kummerċ, fil-Finanzi jew fil-*Banking*, jew *degree* oħra rikonoxxuta, jew kwalifika oħra rikonoxxuta, xierqa u komparabbli b'waħda minn dawn id-dixxiplini bħala s-suġġett prinċipali. Jiġu kkunsidrati wkoll dawk il-kandidati li jkollhom mill-anqas *degree* bl-unuri rikonoxxuta (MQF Livell 6), jew kwalifika rikonoxxuta, xierqa u komparabbli fil-*Public Policy* jew Relazzjonijiet Internazzjonali jew Studji Ewropej, basta jkunu kisbu b'suċċess *credits* fl-Ekonomija jew Finanzi jew Statistika.

(iii) in possession of at least, a recognized first degree (MQF Level 6), or a recognized, appropriate, comparable qualification in Economics, Statistics, Accountancy, Commerce, Finance or Banking or other recognized degrees, or other recognized, appropriate, comparable qualifications with any of these disciplines as a major area of study. Candidates in possession of at least a recognized honours degree (MQF Level 6), or a recognized, appropriate, comparable qualification, in Public Policy or International Relations or European Studies would also be considered, provided that they have successfully obtained course credits in Economics or Finance or Statistics;

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and

jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.2. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafu 4.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

4.3 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

7. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid-Direttur, Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg f'Nru. 121, Triq Melita, Valletta sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Settembru, 2014. L-applikazzjonijiet jistgħu jintbagħtu wkoll permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* fuq (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

perjodu ta' prova u kundizzjonijiet oħra
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;

Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 4.1, have proven relevant work experience.

4.3 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of supporting documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection procedure

6. Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post.

Submission of applications

7. Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience, will be received by the Director, Industrial and Employment Relations at No. 121, Triq Melita, Valletta by not later than noon (Central European Time) of Friday, 19th September, 2014. Applications can also be submitted through the Online Government Recruitment Portal on (http://recruitment.gov.mt) by the said closing time and date of this call for applications, as indicated above. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other general provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

the probationary period and other conditions;
reasonable accommodation for registered persons with disability;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti

jinstabu fis-sit elettroniku tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=359) jew jinkisbu mill-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, in-numru tal-*fax* tad-Dipartiment/Diviżjoni/Direttorat riċeventi huwa 2124 3177 filwaqt li tal-*email* huwa (ind.emp.relations@gov.mt).

Id-29 ta' Awwissu, 2014

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

Post ta' Uffiċjal Edukattiv (Edukazzjoni Fiżika) fid-Direttorat għall-Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni

(Approvazzjoni skont il-capacity building ad hoc datata 25 ta' Awissu 2014)

Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1.0 Ġenerali

1.1 Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Uffiċjal Edukattiv (Edukazzjoni Fiżika) fid-Direttorat għall-Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni (DKSE) fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE).

1.2 Il-missjoni tad-DKSE hi li jirregola, jistabbilixxi, jgħasses u jassigura l-i*standards* u l-kwalità fil-programmi u s-servizzi edukattivi fil-livell obbligatorju tal-edukazzjoni pprovdut mill-iskejjel tal-istat u oħrajn mhux tal-istat.

1.3 Il-funzjonijiet tad-DKSE huma stabbiliti permezz tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327 tal-liġijiet ta' Malta) li jista' jkun ikkonsultat fuq is-sit elettroniku: (https://education.gov.mt/Legislation.aspx).

1.4 Id-DKSE jitmexxa minn Direttur Ġenerali li, bl-assistenza ta' tliet Diretturi, numru ta' Assistenti Diretturi,

submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents

may be viewed by accessing the website of the Public Administration Human Resources Office at the address (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=359) or may be obtained from the Human Resources Section of the Ministry for Social Dialogue, Consumer Affairs and Civil Liberties. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the fax number of the receiving Department/Division/Directorate is 2124 3177 and the e-mail address is (ind.emp.relations@gov.mt).

29th August, 2014

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT

Post of Education Officer (Physical Education) in the Directorate for Quality and Standards in Education

(Capacity building approval dated 25th August 2014)

In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender.

1.0 Introduction

1.1 The Permanent Secretary, Ministry for Education and Employment invites applications for the post of Education Officer (Physical Education) in the Directorate for Quality and Standards in Education (DQSE) within the Ministry for Education and Employment (MEDE).

1.2 The mission of the DQSE is to generally regulate, establish, monitor and assure standards and quality in the programmes and educational services at the compulsory level of education provided by State and non-State schools.

1.3 The functions of the DQSE are established by the Education Act (Cap. 327 of the Laws of Malta) which may be consulted on (https://education.gov.mt/Legislation.aspx).

1.4 The DQSE is led by a Director General who, with the assistance of three Directors, a number of Assistant Directors,

u Uffiċjali Edukattivi, huwa responsabbli għall-funzjoni ta' dan id-Direttorat kif ipprovdut bl-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta).

1.5 Id-DKSE jipprovdi servizzi professjonali ta' sostenn, gwida, monitoraġġ, spezzjoni, evalwazzjoni u rappurtaġġ dwar il-proċess tat-tagħlim fl-iskejjel, dwar l-iżvilupp u l-implementazzjoni tal-kurrikulum, tas-sillabi, tal-pedagoġija, tar-riżorsi, dwar il-modi neċessarji tal-assessjar u fuq l-amministrazzjoni, dwar l-implimentazzjoni ta' *standards* u programmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità u awditjar fil-Kulleġġi u fl-iskejjel.

1.6 Taħt id-direzzjoni tas-superjuri tagħhom, l-Uffiċjali Edukattivi jkollhom il-poter u r-responsabbiltà tat-twettiq tal-funzjonijiet tad-DKSE.

1.7 Il-kwalitajiet mfittxija għal din il-ħatra huma dawk ta' edukatur ta' ħila li għandu viżjoni, għerf, kompetenzi u ħeġġa biex jagħti sehem f'tim dinamiku fi ħdan id-DKSE bil-għan li jseħħ titjib fis-sistema edukattiva Maltija, fil-kuntest tal-Qafas Nazzjonali tal-Kurrikulu.

1.8 Il-persuna magħżula tista' tingħata dmirijiet fis-settur Primarju u/jew f'dak Sekondarju u tista' tkun meħtieġa li twettaq id-doveri tagħha f'Għawdex.

2.0 Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Is-salarju ta' Uffiċjal Edukattiv huwa dak fi Skala ta' Salarju 6, li fl-2014 huwa ta' €22,268.02 fis-sena, li jiżdied b'€596.33 fis-sena sa massimu ta' €25,846.00.

2.2 Il-persuna magħżula bħala Uffiċjal Edukattiv tirċievi *Allowance* inklussiva fis-sena ta' €2,800 kif stipulat fil-ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u l-*Malta Union of Teacher* (MUT) iffirmat f'23 ta' Awwissu 2010.

2.3 Il-grad ta' Uffiċjal Edukattiv huwa grad maniġerjali b'sigħat ta' servizz ġenerali.

3.0 Dmirijiet u Responsabbiltajiet

3.1 Id-dmirijiet u responsabbiltajiet tal-persuna magħżula jkunu dawk assenjati mid-Direttur Ġenerali DKSE u jkunu jinkludu li:

ikun żgurat li l-*policies* u d-dispożizzjonijiet stipulati fl-Att dwar l-Edukazzjoni, kif ukoll *policies* u dispożizzjonijiet oħra tad-DKSE jitħarsu, kemm mis-Settur Statali kif ukoll minn dak mhux Statali;

jingħata parir, għajnuna, sostenn u monitoraġġ fl-iżvilupp tal-kurrikulu, it-tmexxija, l-*e-learning* u l-iżvilupp ta' assigurazzjoni tal-kwalità, it-tmexxija u l-implimentazzjoni

and Education Officers, is responsible for the functions of this Directorate as provided for by the Education Act (CAP 327 of the Laws of Malta).

1.5 The DQSE shall provide professional services of support, guidance, monitoring, inspection, evaluation and reporting on the process of teaching and learning in schools, on the development and the implementation of the curriculum, syllabi, pedagogy, resources, the necessary modes of assessment and on the administration, the assurance and auditing of quality and standards in Colleges and schools.

1.6 Education Officers, under the direction of their superiors, shall generally have the powers and responsibilities for the fulfilment of the functions of the DQSE.

1.7 The qualities being sought for in this post are those of a capable educator, with vision, knowledge, competencies and drive to form part of a dynamic team within the DQSE with the aim of improving the Maltese educational system within the context of the National Curriculum Framework.

1.8 The selected candidate may be assigned duties in both the Primary and/or the Secondary Sector and may be required to perform duties in Gozo.

2.0 Terms and Conditions

2.1 The salary for the post of Education Officer is that of Salary Scale 6, which in 2014 is €22,268.02 per annum, rising by annual increments of €596.33 up to a maximum of €25,846.00.

2.2 An Education Officer shall receive an all inclusive allowance of €2,800 per annum as stipulated in the agreement between the Government of Malta and the Malta Union of Teachers (MUT) on 23rd August 2010.

2.3 The grade of Education Officer is a management position conditioned to general service hours.

3.0 Duties and Responsibilities

3.1 The duties and responsibilities of the selected candidate shall be generally those assigned by the Director General DQSE, and shall include:

ensuring that the policies and provisions laid down in the Education Act, as well as other policies and provisions of the DQSE are adhered to in both the State and non-State sector;

providing advice, input, support and monitoring in connection with curriculum development, management, eLearning and quality assurance development, management

fil-livelli ta' Direttorat, Kulleġġ, skola u istituzzjonijiet edukattivi oħra kemm fis-setturi tal-Istat u f'dawk mhux tal-Istat;

jingħata parir, sostenn u monitoraġġ dwar programmi edukattivi fl-skejjel u l-kulleġġi;

tkun integrata l-perspettiva tal-ġeneru fi programmi u inizjattivi tad-Direttorati;

jingħata sostenn fl-iżvilupp professjonali tal-i*staff*;

tingħata għajnuna fit-tħejjija ta' estimi finanzjarji u ppjanar ekonomiku;

tinġabar u tinżamm data u statistika relevanti;

jittieħed sehem attiv fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-Qafas Nazzjonali tal-Kurrikulu (QNK) u jingħata kontribut kontinwu fir-reviżjoni tiegħu kif meħtieġ;

jittieħed sehem attiv fit-tiswir tal-*policy* kurrikulari fl-iskejjel u fil-Kulleġġi mfassla fuq il-linji tal-Qafas Nazzjonali tal-Kurrikulu (QNK). Dan jinkludi t-tiswir ta' sillabi, u l-provvediment ta' kurrikula apposta, kotba u riżorsi materjali oħra;

jittieħed sehem attiv fl-amministrazzjoni u fl-iżvilupp ta' ċentri tar-riżorsi tat-tagħlim;

ikun evalwat u jsir rappurtaġġ fuq ix-xogħol tal-għalliema u l-progress fit-tagħlim tas-suġġett jew qasam fl-iskejjel;

issir evalwazzjoni u assigurazzjoni tal-kwalità u l-i*standards* tat-tagħlim fl-iskejjel u fil-Kulleġġi;

jittieħed sehem attiv u jingħata kontribut effettiv fi programmi edukattivi kemm waqt u wara il-ħin tal-iskola;

jingħata kontribut fl-organizzazzjoni u l-provvediment ta' żvilupp professjonali;

jingħataw pariri fl-għażla ta' kotba, apparat u materjal edukattiv u risorsi oħrajn għal skop ta' tagħlim;

jittieħed sehem attiv u jkunu faċilitati timijiet kurrikulari bil-għan li jiżviluppaw materjal adattat għat-tagħlim fil-livelli diversi;

tingħata għajnuna fit-tħejjija tal-estimi finanzjarji tad-Dipartimenti li fihom t/ikun assenjat/a;

jingħata *mentoring* lill-Kapijiet ta' Dipartiment u lill-impjegati fil-gradi ta' għalliem;

tinġabar, tkun analizzata, riċerkata u evalwata *data* sabiex tintuża biex ikunu ppjanati u mmaniġġati servizzi, proġetti u sistemi;

and implementation at Directorate, College, school and other educational institution level, in both the State and non-State school sector;

advising, supporting and monitoring educational programmes in schools and Colleges;

integrating the gender perspective in programmes and initiatives of the Directorates;

assisting in the professional development of staff;

assisting in the preparation of budgets and business planning;

collecting and maintaining relevant data and statistics;

participating in the monitoring of the implementation and evaluation of the National Curriculum Framework (NCF), and regularly contribute to its relevant review;

participating in the development of curriculum policy for schools and Colleges in line with the NCF, including the development of syllabi and the provision of appropriate curricula, text books and other resource material;

participating in the administration and development of teaching resource centres;

evaluating and reporting on the work of teachers and on the progress of the teaching of the subject/area in schools;

evaluating and ensuring the quality and standards of teaching and learning in schools and Colleges;

participating and contributing effectively in educational programmes, both during and after school hours;

contributing towards the organisation and provision of professional development;

advising on the choice of textbooks, equipment, teaching aids and other educational resources;

participating and facilitating curriculum teams for the production of suitable teaching materials at the various levels;

assisting in the preparation of budgets for the Departments s/he is assigned to;

mentoring Heads of Department and other teaching personnel;

gathering, analysing, researching and evaluating data and using it to plan and manage services, projects and systems;

tissostitwixxi l-Assistent Direttur/*Service Manager* kif meħtieġ;

ikun assigurat li l-preparamenti meħtieġa u l-issettjar tal-assessjar nazzjonali, inklużi l-eżamijiet, isiru fil-ħin;

twettaq kull dmir ieħor kompatibbli mal-kariga ta' Uffiċjal Edukattiv fid-DKSE;

twettaq dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku fuq struzzjonijiet tas-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Aktar dettalji dwar id-dmirijiet marbuta ma' dan il-post jistgħu jinkisbu mis-sit eletroniku: (https://education.gov.mt/en/Pages/vacancies.aspx).

4.0 Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u

deputising for the Assistant Director/Service Manager as instructed;

ensuring the timely preparation and setting of national assessments, including examinations;

any other duty compatible with the post of Education Officer within DQSE;

any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

Further details of the job description of the post may be obtained from www.education.gov.mt/vacancies.aspx.

4.0 Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act

leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(iii) ikollhom *Warrant* Permanenti ta' Għalliem;

(iv) Assistent Kapijiet tal-Iskola, jew Kapijiet tad-Dipartiment, jew *Inclusive Education Coordinators (INCOs),* jew *School Counsellors* fi skola liċenzjata li:

(a) għandhom mhux anqas minn erba' (4) snin skolastiċi servizz fil-grad ta' Assistent Kap tal-Iskola, jew Kap tad-Dipartiment, jew *INCO,* jew *School Counsellor* fi skola liċenzjata, u magħhom mhux anqas minn għaxar (10) snin skolastiċi esperjenza ta' tagħlim; u

(b) għandhom mhux anqas minn erba' (4) snin skolastiċi esperjenza fit-tagħlim tal-Edukazzjoni Fiżika;

(v) F'każ li ma jkunx hemm applikazzjonijiet minn uffiċjali eliġibbli skont il-paragrafu 4.1 (iv) u/jew fin-nuqqas ta' applikanti li jiksbu suċċess, l-eliġibbiltà tkun estiża wkoll għal:

(a) uffiċjali fil-gradi indikati f'paragrafu 4.1 (iv) hawn fuq, li għandhom anqas minn erba' (4) snin skolastiċi esperjenza fil-grad iżda għandhom mhux anqas minn għaxar (10) snin esperjenza ta' tagħlim; u

(b) għalliema fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta relevanti u li għandhom tal-anqas għaxar (10) snin skolastiċi esperjenza fit-tagħlim. Kemm il-kwalifika kif ukoll l-esperjenza ta' tagħlim għandhom ikunu fl-Edukazzjoni Fiżika.

Barra minn hekk, dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki imsemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(vi) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47 https://education.gov.mt/en/Documents/Vacancies/GP47.pdf); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafu 4.1 msemmi hawn fuq,

and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) able to communicate in the Maltese and English Languages;

(iii) in possession of a Teacher's Permanent Warrant;

(iv) Assistant Heads of School, or Heads of Department, or Inclusive Education Coordinators (INCOs), or School Counsellors in a licensed school who:

(a) have not less than four (4) scholastic years service in the grade of Assistant Head of School, Head of Department, INCO, or School Counsellor in a licensed school, in addition to not less than ten (10) scholastic years teaching experience; and

(b) have at least four (4) scholastic years teaching experience in Physical Education.

(v) In the absence of applications from eligible officers according to paragraph 4.1 (iv) and/or in the absence of successful candidates, eligibility shall be extended to:

(a) officers in the grades listed in 4.1 (iv) above who have less than four (4) scholastic years experience in the grade but have at least ten (10) years teaching experience; and

(b) teachers in possession of a relevant recognised qualification, and at least ten (10) scholastic years teaching experience. Both the qualification and the teaching experience should be in Physical Education.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

(vi) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a recent Service and Leave Record Form (GP 47 https://education.gov.mt/en/Documents/Vacancies/GP47.pdf); those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.2 Due consideration will be given to applicants who, besides satisfying the requisites indicated in paragraph 4.1,

ikunu motivati, innovattivi u li jkollhom esperjenza fl-aspetti kurrikulari, tal-*e-learning* u/jew fl-assikurazzjoni tal-kwalità fl-edukazzjoni, li juru li għandhom rekord ta' xogħol u ħila fit-twettiq ta' programmi edukattivi li jsostnu u jtejbu l-esperjenzi ta' tagħlim ta' kull student u li juru xhieda tal-ħila li jġibu bidla pożittiva fil-klassijiet permezz tas-sostenn u l-monitoraġġ tal-prattika pedagoġika u jkollhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

4.3 Għalliema li ma jkollhomx ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà sabiex japplikaw għall-post ta' Uffiċjal Edukattiv iżda li jqisu li għandhom il-kwalifiki neċessarji sabiex jassumu r-rwoli u l-funzjonijiet ta' Ufficjal Edukattiv, jistgħu jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom lid-Direttur Generali, DKSE, flimkien mad-dettalji personali, il-grad, il-kwalifiki u l-post tax-xogħol kurrenti, u jagħtu r-raġunijiet li fuqhom jibbażaw l-interess tagħhom f'dan il-post. Dawn il-persuni jitqiegħdu f'lista ta' riżerva (lista D) u jkunu kkunsidrati biss fil-każ li l-kandidati li jgħaddu fil-listi A, B u Ċ msemmija f'paragrafu 6.2 hawn taħt, jirrifjutaw il-post jew ma jinstabux kandidati eliġibbli adatti għal dan il-post.

4.4 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel f'paragrafu 8.1).

5.0 Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Ċertifikati tad-*Diploma*/*Degree*/*Post-Graduate* jew kwalifiki rikonnoxxuti komparabbli għandu jkollhom magħhom *transcript*, bl-Ingliż (*Diploma*/*Certificate supplement*), li juri l-Grad miksub u l-klassifikazzjoni finali.Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

6.0 Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post.

Avviż Nru. 80. Kiri tal-posta vojta Nru. 28 fis-Suq ta' Paola, Triq il-Foss, Paola, murija bl-aħmar fuq pjanta P.D.222_87_5_1. Din l-offerta hija soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 81. Bejgħ ta' sit viċin Triq Mikiel Angelo Borg, San Ġiljan muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2014_60. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €1,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet relevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u 11.45 a.m.

Id-29 ta' Awwissu, 2014

Advt No. 80. Lease of the bare stall No. 28, Paola Market, Triq il-Foss, Paola, shown edged in red on plan P.D.222_87_5_1. This tender is subject to a right of first refusal.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt No. 81. Sale of site off Triq Mikiel Angelo Borg, San Ġiljan, shown edged in red on plan P.D.2014_60. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Tenders should be made only on the prescribed form which, together with the relevant conditions and other documents are obtainable from the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta on any working day between 8.30 a.m. and 11.45 a.m.

29th August, 2014

MINISTERU GĦAT-TRASPORT U L-INFRASTRUTTURA

Id-Direttur Ġenerali fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura jgħarraf li:

Sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, it-2 ta' Settembru, 2014, id-Direttorat tal-*Procurement* u Provvisti, Dipartiment tas-*Support* u Servizzi, Il-Furjana, jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet magħluqin għal:

Avviż Nru. 77/2014. Rikostruzzjoni b'ġebel tal-franka/tal-qawwi mhux użat (ġebel biss) ta' parapett u ħitan tal-ġebel li jagħmlu parti mill-periferija taz-Zuntier tal-knisja ta' San Girgor, Tas-Sliema.

Id-dokumentazzjoni relattiva tinkiseb mingħajr ħlas.

Avviż Nru. 78/2014. Kuntratt perjodiku għall-manutenzjoni sħiħa/ġestjoni ta' kuljum ta' *water feature* fi Pjazza San Ġorġ, Il-Belt Valletta.

Id-dokumentazzjoni relattiva tinkiseb mingħajr ħlas.

Kwot. Nru. 44/2014. Provvista u konsenja ta' arbli u fanali dekorattivi fil-Wesgħa ta' Ta' Xbiex.

Id-dokumentazzjoni relattiva tinkiseb mingħajr ħlas.

MINISTRY FOR TRANSPORT AND INFRASTRUCTURE

The Director General, Works and Infrastructure Department, notifies that:

Sealed tenders/quotations will be received at the Procurement and Supplies Directorate Support and Services Department Floriana up to 10.00 a.m. of Tuesday, 2nd September 2014 for:

Advt. 77/2014. Reconstruction in new franka stone/hardstone (masonry only) of parapet and masonry walls forming the periphery of San Girgor Parish Church Parvis, Tas-Sliema.

Relative documents may be obtained free of charge

Advt. 78/2014. Period contract for the full maintenance/daily running and management of the water feature at Pjazza San Ġorġ, Valletta.

Relative documents may be obtained free of charge

Quot. No. 44/2014. Supply and delivery of decorative lamp-posts for Ta' Xbiex Promenade

Relative documents may be obtained free of charge

Sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, id-9 ta' Settembru, 2014, id-Direttorat tal-*Procurement* u Provvisti, Dipartiment tas-*Support* u Servizzi, Il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:

Avviż Nru. 79/2014. Provvista u konsenja ta' *petroleum liquid gas (LPG)* u manutenzjoni perjodika għaż-żewġ fjammi ornamentali mal-Monument tal-Gwerra, Il-Furjana.

Id-dokumentazzjoni relattiva tinkiseb mingħajr ħlas.

Avviż Nru. 80/2014. Xogħlijiet kompluti ta' modernizzar b'mod li ma jagħmilx ħsara 'l-ambjent, fil-latrina tal-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq, Il-Belt Valletta.

Id-dokumentazzjoni relattiva tinkiseb mingħajr ħlas.

Sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, is-16 ta' Settembru, 2014, id-Direttorat tal-*Procurement* u Provvisti, Dipartiment tas-*Support* u Servizzi, Il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:

Avviż No. 81/2014. Xogħlijiet ta' tisbiħ b'materjali li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent fiz-zuntier tal-Knisja tal-Parroċċa tal-Isla.

Id-dokumentazzjoni relattiva tinkiseb wara l-ħlas ta' €50.00.

Avviż No. 82/2014. Tqegħid ta' materjal ta' pavimentar għaz-zuntier tal-Knisja ta' Santa Liberata, Il-Kalkara b'mod li jħares 'l-ambjent.

Id-dokumentazzjoni relattiva tinkiseb mingħajr ħlas.

Avviż No. 83/2014. Provvista u twaħħil ta' materjal għal taħt l-asfalt u ta' asfalt għaz-zuntier ta' Santa Liberata, Il-Kalkara b'materjali u metodi ta' kostruzzjoni li jħarsu 'l-ambjent.

Id-dokumentazzjoni relattiva tinkiseb mingħajr ħlas.

Avviż No. 84/2014. Xogħlijiet ta' pavimentar b'ġebel tal-franka eżistenti u ġdid u bini mill-ġdid b'ġebel tal-franka ġdid għat-taraġ taz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali tal-Gudja.

Id-dokumentazzjoni relattiva tinkiseb mingħajr ħlas.

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, id-19 ta' Settembru, 2014, id-Direttorat tal-*Procurement* u Provvisti, Dipartiment tas-*Support* u Servizzi, Il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:

*Avviż No. 85/2014. Bini ta' monument fi Pjazza Balluta, San Ġiljan.

Sealed tenders will be received at the Procurement and Supplies Directorate, Support and Services Department, Floriana up to 10.00 a.m. on Tuesday, 9th September 2014 for:

Advt 79/2014. Supply and delivery of petroleum liquid gas (LPG) and periodical maintenance for two ornamental flames at the War Memorial, Floriana.

Relative documents may be obtained free of charge

Advt 80/2014. Complete refurbishment works in an environmental friendly manner at the Upper Barrakka Gardens public convenience, Valletta.

Relative documents may be obtained free of charge

Sealed tenders will be received at the Procurement and Supplies Directorate, Support and Services Department, Floriana up to 10.00 a.m. on Tuesday, 16th September, 2014 for:

Advt. No. 81/2014. Embellishment works with low life cycle material environmental materials at the Senglea Parish Church Parvis.

Relative documents may be obtained against payment of €50.00

Advt. No. 82/2014. Laying of paving material for Santa Liberata Church Parvis, Kalkara with low life cycle environmental impacts.

Relative documents may be obtained free of charge.

Advt. No. 83/2014. Supply and laying of asphalt surface and underlying material at Santa Liberata Parvis Kalkara using environmentally sound construction methods and materials.

Relative documents may be obtained free of charge.

Advt. No. 84/2014. Paving works in existing/new franka stone and the reconstruction in new franka stone of parvis steps at the Gudja Parish Church Parvis.

Relative documents may be obtained free of charge.

Sealed tenders will be received at the Procurement and Supplies Directorate Support and Services Department, Floriana up to 10.00 a.m. on Friday, 19th September 2014 for:

*Advt No. 85/2014. Construction of monument at Pjazza Balluta, San Ġiljan.

Id-dokumentazzjoni relattiva tinkiseb mingħajr ħlas.

*Avviż No. 86/2014. Kuntratt perjodiku għall-provvista u konsenja ta' ġir, tajn għat-tiswija ta' tikħil bil-ġir u *cocciopesto* biex jintużaw mill-Uffiċċju tal-Proġetti għar-Rijabilitazzjoni, Dipartiment tax-Xogħlijiet u Infrastruttura.

Id-dokumentazzjoni relattiva tinkiseb mingħajr ħlas.

*Avviżi li qed jidhru għall-ewwel darba.

Id-dokumenti relevanti jinkisbu wara li jsir il-ħlas indikat hawn fuq, mill-*Cash Office*, Dipartiment tas-Sapport u Servizzi, Blokk 'A', Il-Furjana, fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mid-Direttorat tal-*Procurement* u Provvisti tal-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura (*Cash Office* tel: 2292 7455).

Kopja tad-dokumenti tal-offerta jinkisbu mis-sit tal-Ministeru: (http://www.mti.gov.mt).

Id-29 ta' Awwissu, 2014

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

Id-Direttur Ġenerali, Dipartiment għall-Iżvilupp Rurali, jgħarraf illi d-data tal-għeluq għas-sejħa tal-MSDEC għall-Espressjoni ta' Interess għal xiri ta' prodotti *tale quale* ta' annimali (ABPs) li ġiet ippubblikata fil-15 ta' Lulju 2014 ġiet estiża sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, il-5 ta'Settembru, 2014.

Id-29 ta' Awwissu, 2014

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

Id-Direttur Ġenerali, Dipartiment għall-Iżvilupp Rurali, jgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, is-16 ta' Settembru, 2014 jintlaqgħu offerti magħluqin fl-MSDEC, Uffiċċji tas-Segretarjat Permanenti, Taqsima tal-*Procurement* u Provvisti, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera għal:

MSDEC Avviż Nru. 70/2014. Provvista, konsenja u kkummissjonar ta' trakk ta' 5 tunnellati b'*loading crane* għall-EU Life Saving Buskett Project li qed isir mid-Direttorat tal-P.A.R.K. and Initiatives.

Id-dokumenti relevanti għal din l-offerta jinkisbu mingħajr ħlas.

Relative documents may be obtained free of charge

*Advt No. 86/2014. Period contract for supply and delivery of hydraulic lime, lime repair mortars and cocciopesto for use by the Rehabilitation Projects Office, Works and Infrastructure Department.

Relative documents may be obtained free of charge

*Advertisements appearing for the first time.

Relevant documents may be obtained, against payment of the indicated fee or otherwise, from the Cash Office, Support and Services Department, Block 'A', Floriana, on any working day between 8.00 a.m. and noon. Any further information may be obtained from the Procurement and Supplies Directorate of the Ministry for Transport and Infrastructure. (Cash Office tel: 2292 7455)

Sample tender documents may be viewed on the Ministry's website: (http://www.mti.gov.mt).

29th August, 2014

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

The Director General, Rural Development Department, notifies that the closing date of MSDEC call for Expression of Interest for the Purchase Tale Quale of Animal by Products (APB), published on 15th July 2014, has been further extended up to 10.00 a.m. on Friday, 5th September, 2014.

29th August, 2014

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

The Director General, Rural Development Department, notifies that:

Sealed tenders will be received at the MSDEC, Permanent Secretariat Offices, Procurement and Supplies Section, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera, up to 10.00 a.m. on Tuesday, 16th September, 2014 for:

MSDEC Advt. No. 70/2014. Supply, delivery and commissioning of a 5-tonne truck with loading crane for the EU Life Saving Buskett Project executed by the P.A.R.K. and Initiatives Directorate.

Relevant documents of this tender may be obtained free of charge.

Id-data tal-għeluq ta' din l-offerta qed tiġi estiża mid-29 ta' Awwissu, 2014.

Id-dokumenti relevanti jinkisbu mingħajr ħlas mit-Taqsima tal-*Procurement* u l-Provvisti, MSDEC, Segretarjat Permanenti, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera fil-jiem tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar jew jinkiseb mis-sit tal-Ministeru (http://www.msdec.gov.mt).

Id-29 ta' Awwissu, 2014

The closing date of this tender is being extended from the 29th August, 2014.

Relevant documents may be obtained from the Procurement and Supplies Section, MSDEC, Permanent Secretariat, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera on any working day between 8.30 a.m. and noon or downloaded from the Ministry website (http://www.msdec.gov.mt).

29th August, 2014

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

Is-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, jgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, il-5 ta' Settembru, 2014 jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin fit-Taqsima tal-*Procurement* u Provvisti, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera għal:

Kwot. Nru. 35/2014. Provvista u installazzjoni ta' plakek tal-*plastic* imnaqqax għad-Dipartiment tas-Sajf u Akwakultura fl-Għammieri, Triq l-Ingieret, Il-Marsa.

Kwot. Nru. 36/2014. Tfassil ta' pjan tal-HACCP (Hazard Analysis and Critical Control Point) għall-Pixkerija l-ġdida fi Triq Troubridge, Il-Marsa

Sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, is-16 ta' Settembru, 2014 jintlaqgħu offerti magħluqin fit-Taqsima tal-*Procurement* u Provvisti, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera għal:

Avviż Nru. 73/2014. Provvediment ta' servizz relatat mal-kumpilazzjoni ta' studji li jinkludu Valutazzjoni Xierqa (AA) and Dikjarazzjoni tal-Impatt Ambjentali (EIS) skont rekwiżiti għall-applikazzjoni tal-ippjanar mitluba mill-MEPA (PA 4576/09) għad-difiżi kostali proposti f'Marsaxlokk.

Id-dokumentazzjoni relevanti tinkiseb, wara l-ħlas ta' €50.00 mħallas biss permezz ta' ċekk indirizzat lis-Segretarju Permanenti MSDEC.

Id-dokumenti relevanti jinkisbu mingħajr ħlas mit-Taqsima tal-*Procurement* u l-Provvisti, MSDEC, Segretarjat Permanenti, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera fil-jiem tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar jew jinkiseb mis-sit tal-Ministeru (www.msdec.gov.mt).

Id-29 ta' Awwissu, 2014

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

The Director General, Fisheries and Acquaculture Department notifies that:

Sealed quotations will be received at the Procurement and Supplies Section, No. 6 Triq Ħal Qormi, Santa Venera up to 10.00 a.m. on Friday, 5th September, 2014 for:

Quot. No. 35/2014. Supply and delivery of engraved plastic plaques for the Department of Fisheries and Aquaculture in Għammieri, Triq l-Ingieret, Marsa.

Quot. No. 36/2014. Drawing up of a HACCP (Hazard Analysis and Critical Control Point) Plan for the new Fishmarket in Triq Troubridge, Marsa.

Sealed tenders will be received at the Procurement and Supplies Section, No. 6 Triq Ħal Qormi, Santa Venera up to 10.00 a.m. of Tuesday, 16th September, 2014 for:

Advt. No. 73/2014. Provision of services in relation to the compilation of studies consisting in an Appropriate Assessment (AA) and an Environmental Impact Statement (EIS) as per MEPA requirements for the planning application (PA 4576/09) for proposed coastal sea defences at Marsaxlokk.

Relevant documents may be obtained, against a participation fee of €50 payable only by cheque drawn up on the Permanent Secretary MSDEC.

Relevant documents may be obtained free of charge from the Procurement and Supplies Section, MSDEC Permanent Secretariat Offices No. 6 Triq Ħal Qormi, Sta.Venera SVR 1301, on any working day from 8.30 am to 12 noon till closing date or downloaded from the Ministry's website on (msdec.gov.mt).

29th August, 2014

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

Id-Direttur Ġenerali, Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura, jgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, is-16 ta' Settembru, 2014 jintlaqgħu offerti magħluqin fl-MSDEC, Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fit-Taqsima tal-*Procurement* u Provvisti, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera għal:

Avviż Nru. 71/2014. Provvista u installazzjoni ta' sistema ta' *public address* għall-Pixkerija fi Triq Troubridge, Il-Marsa.

Id-dokumenti relevanti għal din l-offerta jinkisbu mingħajr ħlas.

Id-dokumenti relevanti jinkisbu mingħajr ħlas mit-Taqsima tal-*Procurement* u l-Provvisti, MSDEC, Segretarjat Permanenti, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera fil-jiem tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar jew jitniżżel mis-sit tal-Ministeru (http://www.msdec.gov.mt).

Id-29 ta' Awwissu, 2014

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

The Director General, Fisheries and Acquaculture Department notifies that:


Sealed tenders will be received at the MSDEC, Permanent Secretariat Offices, Procurement and Supplies Section, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera, up to 10.00 a.m. on Tuesday, 16th September, 2014 for:

Advt. No. 71/2014. Supply and installation of a Public Address System for the Fishmarket in Triq Troubridge, Marsa.

Relevant documents of this tender may be obtained free of charge.

Relevant documents may be obtained free of charge from the Procurement and Supplies Section, MSDEC, Permanent Secretariat, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera on any working day between 8.30 a.m. and noon or downloaded from the Ministry's website (http://www.msdec.gov.mt).

29th August, 2014



Programm Operattiv għas-Sajd 2007-2013
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għas-Sajd (FES)
Rata ta' ko-finanzjament: 75% Fondi Ewropej; 20% Fondi Nazzjonali
Ninvestu f'Sajd Sostenibbli



Fisheries Operational Programme 2007-2013
Project part-financed by the European Union
European Fisheries Fund (EFF)
Co-financing rate: 75% EU Funds; 25% National Funds
Investing in Sustainable Fisheries

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

Id-Dipartiment għall-Iżvilupp Rurali jgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, is-16 ta' Settembru, 2014 jintlaqgħu offerti magħluqin fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fit-Taqsima tal-*Procurement* u Provvisti, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera għal:

Avviż Nru. 72/2014. Provvista, konsenja, installazzjoni u kkummissjunar ta' uffiċċju *mobile* u għamara magħmula minn materjal u proċessi li jħarsu 'l-ambjent għall-proġett ta' studju u konservazzjoni sostenibbli ta' diversi pjanti lokali differenti.

Id-dokumenti relevanti għal din l-offerta jinkisbu mingħajr ħlas.

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

The Rural Development Department notifies that:

Sealed tenders will be received at the MSDEC, Permanent Secretariat Offices, Procurement and Supplies Section, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera, up to 10.00 a.m. on Tuesday, 16th September, 2014 for:

Advt. No. 72/2014. Supply, delivery, installation and commissioning of a mobile office and furniture produced with environmentally friendly materials and processes for the project on the study and sustainable conservation of varieties of local plants.

Relevant documents of this tender may be obtained free of charge.

Id-dokumenti relevanti jinkisbu mingħajr ħlas mit-Taqsima tal-*Procurement* u l-Provvisti, MSDEC, Segretarjat Permanenti, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera fil-jiem tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar jew jitniżżel mis-sit tal-Ministeru (http://www.msdec.gov.mt).

Relevant documents may be obtained free of charge from the Procurement and Supplies Section, MSDEC, Permanent Secretariat, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera on any working day between 8.30 a.m. and noon or downloaded from the Ministry's website (http://www.msdec.gov.mt).

Id-29 ta' Awwissu, 2014

29th August, 2014

Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2007 – 2013
Assi 2 – Intejbu l-Ambjent u l-Kampanja
Proġett parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali
Rata ta' Ko-finanzjament: 80% Unjoni Ewropea, 20% Gvern ta' Malta
L-Ewropa Tinvesti f'Żoni Rurali

Rural Development Programme for Malta 2007 – 2013
Axis 2 – Improving the Environment and the Countryside
Project Part Financed by the European Union
The European Agricultural Fund for Rural Development
Co-financing Rate: 80% European Union, 20% Government of Malta
Europe Investing in Rural Areas

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

Id-Dipartiment għall-Iżvilupp Rurali jgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, is-16 ta' Settembru, 2014 jintlaqgħu offerti magħluqin fl-MSDEC, Uffiċċji tas-Segretarjat Permanenti, Taqsima tal-*Procurement* u Provvisti, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera għal:

MSDEC Avviż Nru. 68/2014. Provvista, konsenja u kkummissjunar ta' *backhoe loader* għall-Proġett *EU Life Saving*, Buskett, li qed isir mid-Direttorat tal-P.A.R.K. u Inizjattivi.

Id-data tal-għeluq ta' din l-offerta qed tiġi estiża mid-29 ta' Awwissu, 2014.

Id-dokumenti relevanti jinkisbu mingħajr ħlas mit-Taqsima tal-*Procurement* u l-Provvisti, MSDEC, Segretarjat Permanenti, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera fil-jiem tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar jew jitniżżel mis-sit tal-Ministeru (http://www.msdec.gov.mt).

Id-29 ta' Awwissu, 2014

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

The Rural Development Department notifies that:

Sealed tenders will be received at the MSDEC, Permanent Secretariat Offices, Procurement and Supplies Section, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera, up to 10.00 a.m. on Tuesday, 16th September, 2014 for:

MSDEC Advt. No. 68/2014. Supply, delivery and commissioning of a backhoe loader for the EU Life Saving Project, Buskett, executed by the P.A.R.K. and Initiatives Directorate.

The closing date of this tender is being extended from the 29th August, 2014.

Relevant documents may be obtained free of charge from the Procurement and Supplies Section, MSDEC, Permanent Secretariat, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera on any working day between 8.30 a.m. and noon or downloaded from the Ministry's website (http://www.msdec.gov.mt).

29th August, 2014

EU Life + Programm 2012
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
EU Life + Programm 2012
Rata' ko-finanzjament: 50% Fondi tal-UE; 50% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-futur tiegħek

EU Life + Programme 2012
Project part-financed by the European Union
EU Life + Programme 2012
Co-financing rate: 50% EU funds; 50% National Funds
Investing in your future

KORPORAZZJONI ENEMALTA

Il-Korporazzjoni Enemalta tgħarraf illi:–

Offerti magħluqin jintlaqgħu fl-Enemalta fil-kaxxa tal-offerti tal-Marsa:

Sal-11.00 a.m. tal-ERBGĦA, it-3 ta' Settembru, 2014, għal:

TD/T/3180/2014	Xogħlijiet ta' trinek fl-MCAST ta' Paola Corradino Blokk D *Substation*.

Għandu jitħallas dritt ta' €10 għal kull dokumenti tal-offerta.

Il-ħlas ta' parteċipazzjoni (fejn applikabbli) għandu jsir fil-Korporazzjoni Enemalta, Bini tal-Amministrazzjoni Ċentrali, Church Wharf, Il-Marsa f'kull jum tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar. Aktar tagħrif jista' jinkiseb billi wieħed jikkuntattja t-Taqsima tal-*Procurement* fuq in-Numru tat-Telefon: 2298 0736 jew bl-*email:* (tenderenquiries.emc@enemalta.com.mt) jew mill-*website* tal-Enemalta (www.enemalta.com.mt) - *tenders online*.

Il-Korporazzjoni Enemalta tgħarraf illi offerti elettroniċi rigward dawn l-avviżi jintlaqgħu sal-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintlaqgħu *online* BISS fuq: (http://www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tal-ERBGĦA, l-24 ta Settembru, 2014, għal:

TD/T/3184/2014.	Provvista ta' *fused insulation piercing connectors*.

Id-dokumenti tal-offerti jistgħu jinkisbu biss minn fuq l-*Electronic Public Procurement System:* (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu min dan is-sit: operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-*Organisation e-ID* sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-Sezzjoni tal-*FAQ* tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-*workshops* organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

Id-29 ta' Awwissu, 2014

ENEMALTA CORPORATION

The Enemalta Corporation notifies that:–

Sealed tenders will be received at Enemalta's Marsa tender box:

Up to 11.00 a.m. of WEDNESDAY, 3rd September, 2014, for:

TD/T/3180/2014	Trenching works for Paola Corradino MCAST Blk D Substation.

A fee of €10 is to be paid for each copy of tender document.

Participation fees (where applicable) are to be paid at Enemalta Corporation, Central Administration Building, Church Wharf, Marsa on any working day between 8.30 a.m. and noon. Further information may be obtained by contacting the Procurement Section on Telephone No. 2298 0736 or on email address: (tenderenquiries.emc@enemalta.com.mt) or from Enemalta website (www.enemalta.com.mt) - tenders online.

Enemalta Corporation notifies that electronic tenders in respect of the following notices will be received on the date and time indicated below. Tenders are to be submitted online ONLY on: (http://www.etenders.gov.mt).

Up to 9.30 a.m. of WEDNESDAY, 24th September 2014, for:

TD/T/3184/2014.	Supply of fused insulation piercing connectors.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System: (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website: Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ Section of the same website.

Economic operators interested in participating in these current calls for tender are urged to take note of the workshops being organised by the Department of Contracts. More information is available in the tender document.

29th August, 2014

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TAL-ILMA

Iċ-*Chairman* Eżekuttiv, Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma, jgħarraf illi:-

Jintlaqgħu offerti fil-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintbagħtu *online* BISS fuq: (http://www.etenders.gov.mt).

Sat-Tnejn, it-22 ta' Settembru, 2014, għal:

Avviż. Nru. WSC/T/28/2014. Provvista ta'*check valves* lill-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma

Id-dokument għal din l-offerta huwa bla ħlas.

Dan huwa *Supply Notice* taħt *International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR).

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinkisbu biss minn fuq l-*Electronic Public Procurement System* (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit: operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-Organisation e-ID sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-Sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-*workshops* organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-*workshops*, se jsiru simulazzjonijiet sabiex operaturi ekonomiċi jiffamiljarizzaw ruħhom bil-kompilazzjoni u sottomissjoni tal-offerti *online*. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta. Dawn il-*workshops* huma intenzjonati BISS għal dawk l-operaturi ekonomiċi li beħsiebhom jissottomettu offerta għal din l-offerta: operaturi prospettivi oħrajn huma mistiedna jattendu waħda mis-sensiela ta' sessjonijiet ta' informazzjoni organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex tingħata ħarsa ġenerali tal-proċeduri ġodda tal-*electronic procurement*.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Id-29 ta' Awwissu, 2014

WATER SERVICES CORPORATION

The Executive Chairman, Water Services Corporation, notifies that:

Tenders will be received on the day and date indicated below. Tenders are to be submitted online ONLY on: (http://www.etenders.gov.mt).

Up to Monday, 22nd September, 2014, for:-

Advt. No. WSC/T/28/2014. Supply of check valves to the Water Services Corporation

No participation fee is applicable

This is a Supply Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Union European Regional Development Fund (ERDF).

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System: (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website: Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website.

More information is available from the FAQ Section of the same website. Economic operators interested in participating in these current calls for tender are urged to take note of the workshops being organised by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document. These workshops are ONLY intended to economic operators that intend to submit an offer for these tenders. Other prospective operators are invited to attend one of the information sessions currently being organised by the Department of Contracts that give an overview of the new electronic procurement procedures.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

29th August, 2014

CARBON FOOTPRINT REDUCTION PROJECT
Programm Operattiv I – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR).
Rata ta' Kofinanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-futur tiegħek

CARBON FOOTPRINT REDUCTION PROJECT
Operational Programme I – Cohesion Policy 2007-2013
Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life
This tender is part-financed by the European Union
European Regional Development Fund (ERDF)
Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds
Investing in your future

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TAL-ILMA

Iċ-*Chairman* Eżekuttiv, Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma, jgħarraf illi:-

Jintlaqgħu offerti fil-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintbagħtu *online* BISS fuq: (http://www.etenders.gov.mt).

Sat-Tnejn, id-29 ta' Settembru, 2014, għal:

*Avviż. Nru. WSC/T/32/2014. Bażi ta' ftehim għall-provvediment ta' ffilmjar u produzzjoni ta' *video* - Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

*Avviż li qed jidher għall-ewwl darba

Id-dokument għal din l-offerta huwa bla ħlas.

Dan huwa *Services Notice* taħt *International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR).

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinkisbu biss minn fuq l-*Electronic Public Procurement System* (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit: operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-*Organisation e-ID* sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-Sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-*workshops* organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-*workshops*, se jsiru simulazzjonijiet sabiex operaturi ekonomiċi jiffamiljarizzaw ruħhom bil-kompilazzjoni u sottomissjoni tal-offerti *online*. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta. Dawn il-*workshops* huma intenzjonati BISS għal dawk l-operaturi ekonomiċi li beħsiebhom jissottomettu offerta għal din l-offerta: operaturi prospettivi oħrajn huma mistiedna jattendu waħda mis-sensiela ta' sessjonijiet ta' informazzjoni organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex tingħata ħarsa ġenerali tal-proċeduri ġodda tal-*electronic procurement*.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Id-29 ta' Awwissu, 2014

WATER SERVICES CORPORATION

The Executive Chairman, Water Services Corporation, notifies that:

Tenders will be received on the day and date indicated below. Tenders are to be submitted online ONLY on: (http://www.etenders.gov.mt).

Up to Monday, 29th September, 2014, for:-

*Advt. No. WSC/T/32/2014. Framework agreement for the provision of filming and video productions – Water Services Corporation.

*Advertisement appearing for the first time

No participation fee is applicable


This is a Services Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Union European Regional Development Fund (ERDF).

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System: (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website: Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website.

More information is available from the FAQ Section of the same website. Economic operators interested in participating in these current calls for tender are urged to take note of the workshops being organised by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document. These workshops are ONLY intended to economic operators that intend to submit an offer for these tenders. Other prospective operators are invited to attend one of the information sessions currently being organised by the Department of Contracts that give an overview of the new electronic procurement procedures.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

29th August, 2014



USE OF HIGHLY POLISHED RECLAIMED WATER IN THE MALTESE ISLANDS
Programm Operattiv I – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR).
Rata ta' Kofinanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-futur tiegħek



USE OF HIGHLY POLISHED RECLAIMED WATER IN THE MALTESE ISLANDS
Operational Programme I – Cohesion Policy 2007-2013
Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life
This tender is part-financed by the European Union
European Regional Development Fund (ERDF)
Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National
Investing in your future

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TAL-ILMA

Iċ-*Chief Executive*, Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma, jgħarraf illi:-

Jintlaqgħu offerti fil-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintbagħtu *online* BISS fuq: (http://www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, it-2 ta' Settembru, 2014, għal:

Avviż Nru. WSC/T/29/2014. Provvista, konsenja u installazzjoni ta' *filing cabinets* tal-metall għal *drawings* għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Id-dokument huwa bla ħlas.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, it-12 ta' Settembru, 2014, għal:

Avviż Nru. WSC/T/26/2014. Provvista u konsenja ta' *electromagnetic flowmeters* għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma

Id-dokument huwa bla ħlas.

Id-data tal-għeluq ta' din l-offerta qed tiġi estiża mit-22 ta' Awwissu, 2014.

Avviż Nru. WSC/T/25/2014. Provvista u konsenja ta' *oil-free compressors for service air* għall-Impjant tat-trattament tal-Iskart għan-Nofsinhar għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Id-dokument huwa bla ħlas.

Id-data tal-għeluq ta' din l-offerta qed tiġi estiża mit-22 ta' Awwissu, 2014.

Sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, is-16 ta' Settembru, 2014, għal:

Avviż Nru. WSC/T/27/2014. Provvista u konsenja ta' *gear operated PVC butterfly valves* għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Id-dokument huwa bla ħlas.

Id-data tal-għeluq ta' din l-offerta qed tiġi estiża mis-26 ta' Awwissu, 2014.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, is-26 ta' Settembru, 2014, għal:

*Avviż Nru. WSC/T/33/2014. Provvista u konsenja ta' *sweatshirts* b'impatt ambjentali baxx għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma (Bażi ta' Ftehim)

WATER SERVICES CORPORATION

The Chief Executive, Water Services Corporation, notifies that:-

Tenders will be received on the date and time indicated below. Tenders are to be submitted online ONLY on: (http://www.etenders.gov.mt).

Up to 9.30 a.m. of Tuesday, 2nd September, 2014 for:

Advt. No. WSC/T/29/2014. Supply, delivery and installation of metal filing cabinets for drawings for the Water Services Corporation.

No participation fee is required.

Up to 9.30 a.m. of Friday, 12th September, 2014 for:

Advt. No. WSC/T/26/2014. Supply and delivery of electromagnetic flowmeters for the Water Services Corporation

No participation fee is required.

The closing date of this tender has been extended from the 22nd August, 2014.

WSC/T/25/2014. Supply and delivery of oil-free compressors for service air at the South Wastewater Treatment Plant for the Water Services Corporation.

No participation fee is required.

The closing date of this tender has been extended from the 26th August, 2014.

Up to 9.30 a.m. of Tuesday, 16th September, 2014 for:

Advt. No. WSC/T/27/2014. Supply and delivery of gear operated PVC butterfly valves for the Water Services Corporation.

No participation fee is required.

The closing date of this tender has been extended from the 26th August, 2014.

Up to 9.30 a.m. on Friday, 26th September 2014 for:

*Advt. No. WSC/T/33/2014. Supply and delivery of sweatshirts with a low environmental impact for the Water Services Corporation (Framework Agreement)

Id-dokument huwa bla ħlas.

Sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, it-30 ta' Settembru, 2014, għal:

Avviż Nru. WSC/T/30/2014. Provvista u konsenja ta' *self tapping ferrule straps* għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Id-dokument huwa bla ħlas.

Avviż Nru. WSC/T/31/2014. Provvista u twaħħil ta' *tyres* fuq vetturi (trakkijiet, krejnijiet u gafef) tal-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma, bażi ta' ftehim.

Id-dokument huwa bla ħlas.

*Avviż li qed jidher għall-ewwel darba

Id-dokumenti tal-offerti jistgħu jinkisbu minn fuq l-*Electronic Procurement System:* (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit: operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-*Organisation e-ID* sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'din is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-Sezzjoni tal-*FAQ* tal-istess sit.

Operaturi Ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tall-*workshop* organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-*workshop*s, Operaturi Ekonomiċi sejrin ikollhom l-opportunità sabiex jsiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom *online*. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Id-29 ta' Awwissu, 2014

WASTESERV MALTA LTD

Iċ-*Chief Executive Officer*, WasteServ Malta Ltd, jgħarraf illi:–

Sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, it-2 ta' Settembru, 2014 jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin fl-uffiċċji tal-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, WasteServ Malta Ltd, Ċentru Eko, Triq Latmija, Marsaskala MSK 4613, għal:-

Kwot Nru. WSMQ/082/2014. Organizzazzjoni ta' Konferenza ta' ġurnata u *Technical Transnational Workshop* dwar Ġestjoni Sostenibbli ta' Skart bħala parti mill-*Promoting Zero Waste Project*.

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni jistgħu jinġabru mill-indirizz ta' hawn fuq f'kull ġurnata tax-xogħol mit-Tnejn sal-Ġimgħa,

No participation fee is required

Up to 9.30 a.m. of Tuesday, 30th September, 2014 for:

Advt. No. WSC/T/30/2014. Supply and delivery of *self* tapping ferrule straps for the Water Services Corporation.

No participation fee is required.

Advt. No. WSC/T/31/2014. Supply and fitting of tyres on Water Services Corporation vehicles (trucks, cranes and excavators), framework agreement.

No participation fee is required.

*Advertisement appearing for the first time

Tender documents are obtainable from the Electronic Procurement System: (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website: Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ Section of the same website.

Economic operators interested in participating in these calls for tender are urged to take note of the workshops being organized by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarize themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

29th August, 2014

WASTESERV MALTA LTD

The Chief Executive Officer, WasteServ Malta Ltd, notifies that:–


Sealed quotations will be received at the offices of Chief Executive Officer WasteServ Malta Ltd, Eko Centre, Triq Latmija, Marsaskala MSK 4613 till 10.00 a.m. on Tuesday, 2nd September, 2014 for:

Quot No. WSMQ/082/2014. Organisation of a one-day Conference and Technical Transnational Workshop on Sustainable Waste Management as part of Promoting Zero Waste Project.

Quotation documents may be collected from the above mentioned office on any working day from Monday to Friday

eskluż Festi Nazzjonali/Pubbliċi bejn id-9.00 a.m. u t-3.00 p.m. jew permezz ta' *email* fuq: (contracts.ws@wasteservmalta.com).

Id-29 ta' Awwissu, 2014



Med Programme – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
L-Ewropa fil-Mediterran
Dan il-proġett huwa parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)
Rata ta' kofinanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-futur tiegħek



Med Programme – Cohesion Policy 2007-2013
Europe in the Mediterranean
This project is part-financed by the European Union
European Regional Development Fund (ERDF)
Co-Financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds
Investing in your future

WASTESERV MALTA LTD

Iċ-*Chief Executive Officer*, WasteServ Malta Ltd, jgħarraf illi:–

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Settembru, 2014, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin fl-uffiċċji tal-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, WasteServ Malta Ltd, Ċentru Eko, Triq Latmija, Marsaskala MSK 4613, għal:-

Kwot Nru. WSMQ/081/2014. Provvista u installazzjoni ta' sinjali tat-traffiku u tas-saħħa u s-sigurtà fis-*Civic Amenity Site* ta' Ta' Qali

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni jistgħu jinġabru mill-indirizz ta' hawn fuq f'kull ġurnata tax-xogħol mit-Tnejn sal-Ġimgħa, eskluż Festi Nazzjonali/Pubbliċi bejn id-9.00 a.m. u t-3.00 p.m. jew permezz ta' *email* fuq: (contracts.ws@wasteservmalta.com).

Id-29 ta' Awwissu, 2014

WASTESERV MALTA LTD


The Chief Executive Officer, WasteServ Malta Ltd, notifies that:–

Sealed quotations will be received at the offices of the Chief Executive Officer, WasteServ Malta Ltd, Eko Centre, Triq Latmija, Marsaskala MSK 4613 up to noon of Friday, 5th September, 2014, for:-

Quot. No. WSMQ/081/2014. Supply and installation of traffic and health and safety signage at the Ta' Qali Civic Amenity Site

Quotation documents may be collected from the above mentioned office on any working day from Monday to Friday excluding Public/National holidays; between 9.00 a.m. and 3.00 p.m. or requested via email communication sent on: (contracts.ws@wasteservmalta.com).

29th August, 2014



Programm Operattiv I – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Dan il-kuntratt huwa parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond ta' Koeżjoni
Rata ta' kofinanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-futur tiegħek



Operational Programme I – Cohesion Policy 2007-2013
Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life
This contract is part-financed by the European Union
Cohesion Fund
Co-Financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds
Investing in your future

WASTESERV MALTA LTD

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, WasteServ Malta Ltd, jgħarraf illi:–

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Settembru, 2014, jintlaqgħu offerti magħluqin fl-uffiċċji tal-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, WasteServ Malta Ltd, Ċentru Eko, Triq Latmija, Marsaskala MSK 4613, għal:

Avviż. Nru. WSM 045/2014. Kuntratt perjodiku għall-kiri ta' *mobile plant* biex tintuża fl-*Aerial Emission Control Unit* fil-Kumpless Ambjentali tal-Magħtab.

Id-dokument tal-offerta huwa €20.

Kwot. Nru. WSMQ/074/2014. Provvista u konsenja ta' *conveyor belt* għall-*electromagnetic belt separators* biex jiġu installati fl-Impjant għat-Trattament tal-Iskart f'Marsaskala.

Id-data sa meta jintlaqgħu offerti għal dan l-avviż ġiet estiża mid-19 ta' Awwissu 2014.

Kwot. Nru. WSMQ/076/2014. Provvista ta' *conveyor belt* fl-Impjant għat-Trattament Mekkaniku (MTP) fl-Impjant tat-Trattment tal-Iskart f'Sant'Antnin

Kwot. Nru. WSMQ/077/2014. Provvista ta' UREA fit-*Thermal Treatment Facility,* Il-Marsa

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-12 ta' Settembru, 2014, jintlaqgħu offerti magħluqin fl-uffiċċji tal-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, WasteServ Malta Ltd, Ċentru Eko, Triq Latmija, Marsaskala MSK 4613, għal:

Avviż Nru. 046/2014. Kuntratt perjodiku għall-provvediment ta' servizzi ta' tindif b'mod li jħares 'l-ambjent f'diversi siti ġestiti u operati minn WasteServ Malta Ltd.

Id-dokument tal-offerta huwa €50.

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Settembru, 2014, jintlaqgħu offerti magħluqin fl-uffiċċji tal-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, WasteServ Malta Ltd, Ċentru Eko, Triq Latmija, Marsaskala MSK 4613, għal:

Avviż. Nru. WSM 044/2014. Kuntratt perjodiku għal servizzi ta' tgħabbija u ġarr ta' *dry batteries* b'mod li ma jagħmilx ħsara 'l-ambjent minn siti tal-WasteServ f'Malta.

Id-dokument tal-offerta huwa €20.

Id-data sa meta jintlaqgħu l-offerti għal dan l-avviż ġiet estiża mill-Ġimgħa, 5 ta' Settembru, 2014.

WASTESERV MALTA LTD

The Chief Executive Officer, WasteServ Malta Ltd, notifies that:–

Sealed tenders will be received at the offices of the Chief Executive Officer, WasteServ Malta Ltd, Eko Centre, Triq Latmija, Marsaskala MSK 4613 till Friday, 5th September, 2014, at 10.00 a.m. for:

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod generali, tal-flejjes u l-propjetà mobbli kollha li huma dovuti lil jew imissu lil Theresa Cutajar u Elmleti Mohamed Saad jew li huma propjetà tagħhom u pprojbiethom milli jittrasferixxu jagħtu b'rahan, jipotekaw jew xort'oħra jiddisponu minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, ai termini tal Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum, 18 ta' Awwissu 2014
Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

DR JOHN SEYCHELL NAVARRO
Dip. Hlth Science, Dip Mgmt Stud, Dip.Not.Pub., LL.B., LL.D
Assistent Reġistratur
Qrati u Tribunali Kriminali

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 12th August 2014 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Marse-Anne Farrugia LL.D) Compilation Number in the case: 755/2014

The Police
(Inspector Jason Francis Sultana)

Versus:

THERESA CUTAJAR, 60 years, unemployed, daughter of Anthony, and Carmela née Formosa born in Gżira, on the 1st January 1954, and residing at Flat 1, Victoria Flats, Testaferrata Street, Ta' Xbiex and holder of ID Card number 313354(M).

AND

ELMLETI MOHAMED SAAD, 25 years, unemployed son of Saad and Zhor née Boxi, born in Tripoli, on the 25th June 1987, and residing at Flat 1, Victoria Flats, Testaferrata Street, Ta' Xbiex, and holder of ID Card number 66797(A).

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all monies and other movable property due to or pertaining or belonging to Theresa Cutajar and Elmleti Mohamed Saad and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this according to Article 5 of the Money Laundering Act Cap. 373 of the Laws of Malta, in accordance with Article 23A (2) of Cap. 9 of the Laws of Malta.

Today, 18th August 2014
Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

DR JOHN SEYCHELL NAVARRO
Dip. Hlth Science, Dip Mgmt Stud, Dip.Not.Pub.,LL.B., LL.D
Assistant Registrar
Criminal Courts and Criminal Tribunals

1321

B'digriet tal-24 ta' Marzu, 2014, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (5) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fil-21 ta' Lulju 2014, fuq rikors ta' NISSO LIMITED ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 25 ta' Settembru, 2014 fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-BEJGĦ BL-IRKANT, li għandu jsir fl-EWWEL SULAR, QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-fond hawn taħt deskritt.

L-Appartament internament immarkat numru erbgħa (4), li jinsab fit-tieni sular, 'l fuq mis-semi basement level, parti minn blokk appartamenti konsistenti f'basement u semi-basement garages u sitt sulari sovrastanti. L-appartament in kwistjoni huwa sottopost u sovvrapost għall-propjetà ta' terzi u formanti parti minn blokk flats bla numru li jġib l-isem 'Antonin', fi Triq Sant' Agatha, Sliema. Il-propjetà hija libera u franka stmata li tiswa mija, sebgħa u sittin elf Ewro (€167,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' UNIBUILD COMPANY LIMITED.

N.B. Il-propjetà tinbiegħ bħal ma ġiet deskritta fl-Atti tas-Subbasta 100/13

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 20 ta' Awwissu, 2014.

RUDOLPH MARMARÀ
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 24th March, 2014 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (5) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on the 21st July 2014, on the application of NISSO LIMITED, Thursday, 25th September, 2014 at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the SALE BY AUCTION, to be held on THE FIRST FLOOR, COURTS OF JUSTICE, REPUBLIC STREET VALLETTA of the following property.

Apartment internally marked number four (4), on the second floor, forming part of a block of appartments consisting of basement and semi-basement garages underlaying six floors. The appartment is overlaid and underlaid by property of third parties forming part of a block of apartments named 'Antonin', in Triq Sant' Agatha, Sliema. The property is free and unencumbered valued at one hundred and sixty seven thousand Euros (€167,000).

The said tenement is the property of UNIBUILD COMPANY LIMITED.

N.B. The said property will be sold as described in the acts of the file number 100/13.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 20th August, 2014.

RUDOLPH MARMARÀ
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1322

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla fit-3 ta' Lulju, 2014, fuq rikors ta' Galea Henry et, ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 23 ta' Settembru, 2014 fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-BEJGĦ BL-IRKANT, li għandu jsir fl-Ewwel Sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taht deskritt.

Appartament numru erbgħa (4) bl-isem 'Movouveen' fi Triq Sebastiano Saliba, Luqa fit-tieni sular, liberu u frank bi tgawdija tal-arja tiegħu li tista' tinbena għal sular ieħor u penthouse skont il-policies kurrenti tal-MEPA stmat li jiswa mija u tletin elf Ewro (€130,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Raymond Bugeja (K.I.310856M) u Doris Bugeja (K.I. 297781M).

By decree given by the Civil Court, First Hall on 3rd July, 2014, on the application of Galea Henry et, Tuesday, 23rd September, 2014 at eleven o'clock in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the SALE BY AUCTION, to be held in the First Floor of these Courts of Justice, Republic Street, Valletta of the following property.

Apartment number four (4) named 'Movouveen' in Triq Sebastiano Saliba, Luqa, on the second floor, free and unencumbered with its airspace rights to build another floor and penthouse under current policies of MEPA valued at one hundred and thirty thousand Euro (€130,000).

The said tenement is the property of Raymond Bugeja (I.D.310856M) and Doris Bugeja (I.D.297781M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 73/10.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 20 ta' Awwissu, 2014.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of file number 73/10.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 20th August, 2014.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1323

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-10 ta' Lulju 2014, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Maġistrat Dott. Antonio Giovanni Vella LLD), wara rikors magħmul minn Francis Sammut ID 117049(M) datat 30 ta' Ġunju 2014, fil-kawża (Kumpilazzjoni Numru 171/2013) fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Jonathan Ferris)

Kontra

FRANCIS SIVE FRANK SAMMUT, 63 sena, direttur ta' kumpanija, bin il-mejjet Carmel u Francesca Saveria xebba Pace, imwieled Tarxien, fil-25 ta' Diċembru, 1950 u residenti 'Stafford', Triq il-Patrijiet Tereżjani, Marsaxlokk u detentur tal-karta tal-identità b'numru 39351 (M).

AWTORIZZAT lil Bank of Valletta plc sabiex iħallsu lill Francis Sammut in-nofs tas-sehem tagħha tal-interessi u l-qliegħ li hija dovuta mill amministrazzjoni u t-tħaddim tal-portofolio numru 30001158, u li llum dana ngħata n-numru 25931138-1.

L-istess pubblikazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta in segwitu ta' pubblikazzjoni oħra li kienet saret fit-30 ta' April, 2013 wara digriet mogħti mill-istess Qorti fil-25 ta' April, 2013, in segwitu ta' pubblikazzjoni oħra li kienet saret fl-20 ta' Marzu 2013, wara digriet mogħti mill-istess Qorti fl-14 ta' Marzu 2013, in segwitu ta' pubblikazzjoni oħra li kienet saret fil-5 ta' Marzu 2013, wara digriet mogħti mill-istess Qorti fit-28 ta' Frar 2013 u in segwitu ta' pubblikazzjoni oħra li kienet saret fit-22 ta' Frar 2013, wara digriet mogħti mill-istess Qorti diversament preseduta fid-19 ta' Frar 2013, fejn il-Qorti kienet ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali tal-flejjes u l-propjetà mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lill-imsemmi Francis sive Frank Sammut jew li huma propjetà tiegħu.

Illum 19 ta' Awwissu 2014
Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

DR JOHN SEYCHELL NAVARRO
Dip.Hlth Science, Dip Mgmt Stud, Dip.Not.Pub., LL.B., LLD
Assistent Reġistratur
Qrati u Tribunali Kriminali

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 10th July 2014, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr. Antonio Giovanni Vella LLD) after an application filed by Francis Sammut ID 117049(M) dated 30th June 2014, Compilation number 171/2013, in the case:

The Police
(Inspector Jonathan Ferris)

versus:

FRANCIS SIVE FRANK SAMMUT, 63 years, Company Director, son of the late Carmel and Francesca Saveria née Pace, born in Tarxien, on the 25th December, 1950 residing at 'Stafford', Il-Patrijiet Tereżjani Street, Marsaxlokk and holder of Identity card bearing number 39351(M).

AUTHORISED Bank of Valletta plc to pay Francis Sammut half her share of interests and any profit due to her from the administration of the portfolio number 30001158 which now has been given the number 25931138-1.

The publication of this order is being published in terms of Section 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Section 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta, following another publication made on the 30th April 2013, after a decree of the same Court on the 25th April 2013, following another publication made on the 20th March 2013, after a decree of the same Court on the 14th March 2013, following another publication made on the 5th March 2013, after a decree of the same Court on the 28th February 2013 and following another publication made on the 22nd of February 2013, after a decree of the same Court differently presided on the 19th February 2013, whereas the Court ordered the attachment in the hands of third parties in a general manner, all monies and other moveable and immoveable property which may be due to or belonging to Francis sive Frank Sammut.

Today, 19th August, 2014
Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

DR JOHN SEYCHELL NAVARRO
Dip.Hlth.Science, Dip Mgmt Stud, Dip.Not.Pub.,LL.B., LLD
Assistant Registrar
Criminal Courts and Criminal Tribunals

B' digriet mogħti fit-18 ta' Lulju 2014, mill-Qorti tal-Appell, fl-atti tar-Rikors tal-Appell, fl-ismijiet Joe Vella vs Lino Stafrace et, Rikors Numru 1181/00, ġiet ordnata is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-appellat AIC Philip Azzopardi,a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq. tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fil-Qorti tal-Appell, Citazzjoni Numru 1181/00, fl-ismijiet Joe Vella vs 1) Lino u Angele Stafrace, 2) AIC Philip Azzopardi, 3) Carmel Raymond Micallef, f'ismu propju u għan-nom ta' RC Construction Limited u 4) Raymond Calleja, fil-5 ta' Ġunju 2014, ir-rikorrenti Joe Vella espona bir-rispett:

Illi l-esponent kien jabita fil-fond numru 25, Cathedral Street, Sliema, flimkien ma' ommu Rita Vella u huha Anthony Mifsud, liema fond kien jappartjeni lil ommu. Illi fit-12 ta' April 2000, ommu tilfet ħajjitha meta l-bini kkollassa b' riżultat ta' xogħlijiet li kienu qegħdin isiru fil-fond numru 24, proprjetà ta' Lino u Angele Stafrace...omissis... Illi l-imsemmi fond m' għadux abitabbli fl-istat li hu u jrid jinbena mill-ġdid u l-attur sab ruħu mingħajr dar ta' abitazzjoni. Illi huwa kellu jidħol fi spiża ta' akkomodazzjoni alternattiva. Illi għal dan l-incident jaħtu l-konvenuti.

Illi l-esponent talab lil –Qorti;

1.....Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-attur b' riżultat tal-imsemmi inċident.

2. Tillikwida d-danni konsegwenzjali hekk sofferti.

3. Tikkundanna lill-konvenut jew min minnhom iħallsu lil-attur id-danni hekk likwidati.

4. Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti inġunti in subizzjoni.

Illi l-konvenuti kkontestaw it-talbiet tal-esponenti.

Illi b' sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija fis-16 ta' Mejju 2014, l-Onorabbli Qorti Ċivili, Prim'Awla ddeċidiet hekk;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi;

1.....Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Perit Philip Azzopardi, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

2 Tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-Perit Philip Azzopardi, bl-ispejjez kontra tiegħu.

3.....omissis.....

4.....omissis.....

5.....omissis.....

6.....omissis.....

7.....omissis.....

8.....omissis.....

9.....omissis.....

By means of a decree, given, on the 18th July 2014, by the Court of Appeal, in the records of the Appeal Application, in the names Joe Vella vs Lino Stafrace et, Application number 1181/00, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent AIC Philip Azzopardi, in terms of Article 187(3) et seq. of Cap. 12.

By means of an Application, filed, in the Court of Appeal, Writ of Summons Number 1181/00 in the names Joe Vella vs 1) Lino and Angele Stafrace 2) AIC Philip Azzopardi, 3) Carmel Raymond Micallef in his own name and on behalf of RC Construction Limited and 4) Raymond Calleja, on the 5th June 2014, the applicant Joe Vella respectfully pleaded:

That the applicant resided in the premises number 25, Cathedral Street, Sliema,together with his mother Rita Vella and her brother Anthony Mifsud, which premises belonged to his mother. That on the 12th April 2000, his mother lost her life when the building collapsed as a result of works which were being carried out in the premises number 24, property of Lino and Angele Stafrace...omiss... That the said premises is no longer habitable in the state in which it is and has to be built anew and the plaintiff found hmself without a place of residence. That he had to incurr an expense for alternative accomodation. That for this incident the defendants are to blame.

That the applicant asked the Court;

1.... To declare that the defendants or either of whom are responsible for all the damages suffered by the plaintiff as a result of the said accident.

2. Liquidate the consequential damages so suffered.

3. Condemn the defendant or either of whom to pay the plaintiff the damages so liquidated.

4.With costs against the defendants summoned so that a reference to their evidence be made.

That the defendants contested the demands of the applicants.

That in virtue of a judgement in the names premised given on the 16th May 2014, the Honourable Civil Court, First Hall decided so;

For these motives the Court decides the cause by

1..... Rejecting the first plea of Architect Philip Azzopardi, with costs against him.

2. Rejecting the second plea of Architect Philip Azzopardi, with costs against him.

3.....omissis.....

4.....omissis.....

5.....omissis.....

6.....omissis.....

7.....omissis.....

8.....omissis.....

9.....omissis.....

10. Filwaqt li tiddikjara li l-konvenuti Micallef, RC Construction Limited u Raymond Calleja, huma solidalment responsabbli għal dak li ġara fit-12 ta' April 2000, u għal kwalsijasi danni li seta' sofra l-attur, minħabba nuqqas ta' provi tiċħad it-tieni u t-tielet talba tal-attur.

Salv għal dak li diġà ngħad dwar l-ispejjeż.

Illi l-esponent ħassu ruħu aggravat bil-preċitata sentenza u qiegħed jinterponi appell minnha quddiem din l-Onorabbli Qorti..

Illi l-fatti fil-qosor huma dawn:

Illi l-kawża tirriġwarda l-kollass tal-fond numru 25, Cathedral Street Sliema, li seħħ fil-jum tat-12 ta' April 2000. F' dan il-fond kienu jgħixu Rita Vella, omm l-atturi, l-esponent Joseph Vella u ħuha Anthony Mifsud. Rita Vella mietet b' riżultat tal-ġrieħi li sofriet fl-inċident, filwaqt li l-esponent Joseph Vella intradam taħt il-bini mġarraf... omissis... Rita Vella, Joseph Vella u Anthony Mifsud, b' riżultat tat-tiġrif tal-bini tilfu l-għamara, ħwejjiġhom u l-affarijiet personali tagħhom.

Illi l-aggravju tal-esponent huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

1.....Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, waslet għall-konklużjoni korretta rigward il-kawża tal-kollass tal-bini u rigward in-nuqqasijiet gravi riskontrati ma waslitx għall-konklużjonijiet interament korretti fir-rigward tar-responsabbilità legali tal-konvenuti.

2. Mill-provi prodotti jirriżulta li l-esponent safa mirdum taħt id-debris u b' xorti tajba nħareg għadu hajj. Wara li nħareġ minn taħt id-debris huwa kellu jiġi ammess għall kura l-isptar. B'dana kollu L-Ewwel Qorti, avolja ġiet mitluba biex tillikwida d-danni kollha konswegwenzjali ma llikwidat l-ebda danni morali u materjali. Dan bir-rispett kollu jistultifika mhux biss l-iskop li għalih saret il-kawża iżda ukoll l-għanijiet tal-Ġustizzja. L-esponent iħossu ferm aggravat b' dan.

3.Issa l-ewwel Onorabbli Qorti nnifisha osservat hekk:

.....omissis.....

4. Illi l-esponent minbarra li wegga' sew, tilef ukoll l-affarijiet kollha tieghu. F'każ bħal dan, l-esponent kif jista' jippproduċi dokumentazzjoni dwar il-possedimenti tiegħu, meta bit-tiġrif stess tad-dar inqered kollox ?...omissis..Jista' bniedem ikun jgħix f'post, il-post jiġġaraf hu jadixxi l-Qorti u hu jitħalla bil-bwiet vojta? Dan apparti d-danni morali li sofra meta kkollassa l-bini fuqu u ntradam.

5. Huwa minnu li l-kawża titratta materja teknika iżda l-Ewwel Onorabbli Qorti, mgħejjuna mill-konklużjonijiet

10. Whilst declaring that the defendants Micallef, RC Construction Limited and Raymond Micallef, are responsible in solidum for what happened of the 12th April 2000 and for any damages which the plaintiff may have suffered due to lack of proof reject the second and third demand of the plaintiff.

Saving what happened regarding the costs.

That the applicant felt aggrieved with the above mentioned judgement and is filing an appeal therefrom before this Honourable Court.

That the facts in brief are the following:

That the lawsuit relating to the collapse of the premises number 25, Cathedral Street, Sliema, which occurred on the day of the 12th April 2000. In this premises there lived Rita Vella, mother of the plaintiffs, the applicat Joseph Vella and her brother Anthony Mifsud. Rita Vella died as a result of the injuries she suffered in the incident, whilst the applicant Joseph Vella was caught under the collapsed building... omissis.... Rita Vella, Joseph Vella and Anthony Mifsud, as a result of the collapse of the building, lost the furniture, their belongings and personal effects.

That the grievance of the applicant is clear and manifest and consists in the following:

1.....That the Honourable Court of First Instance, reached the right conclusion regarding the cause of the collapse of the building and regarding the serious defaults encountered it did not reach the entirely correct conclusions regarding the legal responsibility of the defendants.

2. From the proof produced it results that the applicant was caught under the debris and luckily he came out alive. After he managed to get out from the debris he was admitted to care in hospital. However the Court of First Instance, although it was asked to liquidate all the consequential damages did not liquidate any moral and material damages. This with all respect stultifies not only the purpose for which the lawsuit was made but even the purpose of justice. The applicant feels very aggrieved with this.

3. Now the Honourable Court of First Instance observed thus.

.....omissis.....

4. That the applicant besides being seriously injured, lost all his belongings. In such a case, how can the applicant produce documentation relating to his possessions when due to the same collapse of the house everything was destroyed ?...omissis... Can a person live in a place, the place collapses he institutes Court action and is left with no compensation ? This besides the moral damages he suffered when the building collapsed upon him and he was caught under it.

5. It is the case that the lawsuit relates to a technical matter but the Honourable First Court, helped by the conclusions

peritali tal-Perit Alan Saliba, kellha quddiemha kwadru ċar ħafna tar-responsabbilitajiet fir-rigward ta' kull wieħed mill-konvenuti.

6. Sfortunatament l-Ewwel Onorabbli Qorti, eżonerat mir-responsabbiltà legali lill-proprejtarji tal-fond li kien qed jiġi demolit u dan minkejja li hemm provi specifici kontra dawn is-sidien Lino u Angele konjugi Stafrace.

7.Wieħed mill-punti li l-esponenti jgħidu li rriżulta huwa li l-konvenut Lino Stafrace ta struzzjonijiet lill-kuntrattur Carmel Raymond Micallef minn wara dahar il-Perit Philip Azzopardi, sabiex jiskava kemm jista' jkun fil-fond biex il-fond ta' taħt li kien intiż bħala 'commercial premises' ma jiġix ħafna aktar għoli mil-livell tat-triq.

.....omissis.....

Għalhekk ix-xhieda tal-kuntrattur Perit Philp Azzopardi fuq dan il-punt għandha mis-sewwa u għandha tiġi emmnuta. Insibu li l-Perit Philip Azzopardi stess xehed fis-sedfuta tad-9 ta' April 2010, ili meta huwa staqsa lill-kuntrattur għalfejn kien skava daqshekk' qallu li l-ewwelnett il-materjal hu artab ħafna u t-tieni s-sidien ma xtaqux daqshekk taraġ biex jitilghu għall-ground floor'.

.....omissis.....

Għalhekk filwaqt li l-Ewwel Qorti, qalet li 'ma tarax verosimili li Stafrace ta ordni lill-kuntrattur sabiex iħaffer iktar fil-fond, l-esponent iħoss li għandha mis-sewwa x-xhieda fis-sens illi Micallef stqarr lil-Perit Azzopardi' ex post facto' li kien nizel iktar fil-fond biex jevita l-iskalinata mit-triq għall-ħanut.

8. Mingħajr pregudizzju għal dina l-kwistjoni fir-rigward tal-ispejjeż gudizzjarji tal-konvenut Lino u Angele konjugi Stafrace, l-esponent sejjer jissottometti li dawn m' għandux ibatihom hu iżda f' kull każ kellhom ibatuhom il-konvenuti kkundannati għall-ħlas tad-danni.

9. Aggravju ieħor jirriġwarda l-ħelsien mir-responsabbilità tal-Perit Philip Azzopardi, fir-rigward tad-danni li sofra l-attur. Huwa ġie ritenut responsabbli tali naqas li jieħu l-prekawzjonijiet meħtiega u dettati mis-sengħa tal-kostruzzjoni...omissis.. L-Ewwel Onorabbli Qorti,llimitat ir-responsabbilità tiegħu għall-mewt ta' Rita Vella, iżda mhux għat-tiġrif. Din bl-akbar rispett, hija linja fallaci li ma tistax ħlief twassal għall-konklużjoni żbaljata. Din li l-Ewwel Qorti, sejħet 'negligenza ta' ħaddiehor' il-Perit Azzopard mhuwiex diskostat minnha u ma jistax jallontana ruħu minnha.omissis.. Il-Perit Azzopardi fassal, iddeċieda, applika u ta direttvi iżda ma qediex sewwa u b' diligenza sħiħa l-obbligu li jissorvelja d-demolizzjoni u l-iskavar mal-bini ta' terzi u kien propju dan li wassal għat-tragedja. Is-

of the referee Architect Alan Saliba, had before it a very clear picture of the responsibilities regarding each one of the directors.

6. Unfortunately the Honourable Court of First Instance, exonerated from the legal responsibility all the owners of the premises which was being demolished and this despite that there is specific proof regarding the owners Lino and Angele spouses Stafrace.

7. One of the points that the applicants state that resulted is that the defendant Lino Stafrace gave instructions to the contractor Carmel Raymond Micallef without the knowledge of Architect Philip Azzopardi, to excavate as deeply as possible so that the underlying premises which was intended as a 'commercial premises' shall not be much higher than the street level.

.....omissis.....

Thus the evidence of the contractor Architect Philip Azzopardi on this point is more close to the truth and should be believed. We find that Philip Azzopardi himself testified during the sitting of the 9th April 2010, that when he asked the contractor why he had excavated so deeply, he told him 'that in the first place the material is very soft and secondly the owners did not wish so many steps to reach the groundfloor'.

.....omissis.....

That thus whilst the Court of First Instance, stated 'that it does not see as likely that Stafrace gave orders to the contractor to excavate so deeply in the premises, the applicant feels that the evidence is more close to the truth in the sense that Micallef testified that Architect Azzopardi 'ex post facto' had gone down more deeply to avoid the steps from the street to the shop.

8. Without prejudice to this matter regarding the judicial expenses of the defendant Lino and Angele spouses Stafrace the applicant shall submit that these should not be borne by him but in any case the defendants condemned for the payment of damages.

9. Another grievance relates to the exoneration from responsibility of Architect Philip Azzopardi, as regards the damages suffered by the plaintiff. He was held responsible because he failed to take the necessary precautions and those set down by the buildin g trade...omissis.. the Honourable First Court limited his responsibility to the death of Rita Vella, but not to the collpase. This with the greatest respect is a fallacious line which cannot but bring about wrong conclusions. Architect Azzopardi is not disconected from what the Court of First Instance called ' negligence of others'and he cannot move away from it. omissis.. Architect Azzopardi, drew up, decided, applied and gave directives but did not carry out well and with full diligence the duty to supervise the demolition and excavation with the building of

sorveljanza hija indispensabbli għat-twettiq tal-obligu ta' diligenza fejn tidhol il-ħajja ta' terzi. Huwa taħt dan l-aspett li l-Perit Azzopardi rrenda ruħu responsabbli mhux biss għall-mewt ta' Rita Vella u għall-irdim ta' Joseph Vella, meta kkolossa l-bini, iżda ukoll għall-nuqqas ta' sorveljanza waqt id-demolizzjon u skavar u l-ħsara li saret fil-bini. Minħabba f' hekk il-Perit Azzopardi, għandu jirrispondi ukoll għall-ħsara strutturali u t-tiġrif tad-dar ta' abitazzjoni ta' Rita Vella, binha Joseph Vella u huha Anthony Mifsud...omissis.. L-Ewwel Qorti stess iddikjarat illi 'tħaffir hu operat perikoluż' iżda l-Perit Azzopardi qatt ma kien preżentu avolja kien joqgħod tas-Sliema, stess. Għalhekk is-sentenza appellata in kwantu ddikjarat li l-Perit m' għandux htija għall-ħsara li saret fil-bini ta' terzi (l-esponenti) hija skorretta legalment u fattwalment.

10. Aggravju ieħor jirriġwarda l-mankanza ta' likwidazzjoni tad-danni morali fil-każ tal-attur li ntradam ħaj. Ommhom Rita Vella mietet f' dan l-inċident. L-esponent ma jaqbel xejn fuq il-mod kif il-Qrati tagħna japplikaw il-liġi ċivili dwar danni, li ma tirrikonoxxix danni morali fil-kamp ċivili, l-esponent qed iressaq dan l-appell, sabiex sakemm jiġi appuntat dan l-appell interpost minnhu tkun twettqet ir-riforma fil-kamp tad-danni ċivili u jiġu fis-seħħ id-danni morali ossija 'for pain and suffering'

11. Aggravju ieħor jirriġwarda d-danni sofferti mil-attur meta spiċċa mingħajr dar ta' residenza. L-Ewwel Qorti qalet li l-attur qiegħed jitlob il-ħlas minħabba li spiċċa mingħajr residenza u tilef oġġetti personali. L-Ewwel Qorti kkunmmentat 'Wara li l-Qorti rat l-atti ma jirriżultax li l-attur ressaq xi provi dwar danni li allegatament sofra...omissis.. Il-Qorti, tosserva li tat lil kull parti l-opportunità li tippreżenta nota b' domandi lill-perit tekniku. F' dan ir-rigward l-attur baqa' sieket. Bl-ikbar rispett, l-esponent jgħid li din mhix il-pożizzjoni korretta. L-esponent ippreżenta l-provi fil-kawża prinċipali u ressaq nota ta' sottomissjonijiet fil-kawża prinċipali. It-tliet kawżi nstemgħu flimkien u l-provi tressqu kollha fil-kawża prinċipali 1111/00.

12.Aggravju ieħor jirrigwarda l-likwidazzjoni tal-valur tal-mobbli. Ma saret l-ebda likwidazzjoni tal-għamara li kellu l-attur Joe Vella. Jista' qatt ikun li ma kellu l-ebda għamara fil-fond 25, meta hu kien jabita hemmhekk ? Il-lista tal-għamara tal-attur Joe Vella, ġiet ippreżentata fl-atti tal-kawża iżda xejn ma ġie llikkwidat.

13. Aggravju ieħor jikkonċerna t-telf ta' użu tal-fond numru 25. Il-fond li ġġarraf kien id-dar ta' residenza ta' Joseph Vella. Huwa mhux biss safa bla dar iżda tilef kull ma kien jippossjedi. Tilef kollox...omissis..Għalhekk dan it-telf għandu jiġi kkwantifikat 'arbitrio boni viri' għax kien jeżisti d-dritt ta' uzu u abitazzjoni.

third parties and this brought about this tragedy. Surveillance is indispensable for the carrying out of the duty of diligence where the life of third parties is involved. It is under this aspect that Architect Azzopardi rendered himself responsible not only for the death of Rita Vella and the burial under the debris of Joseph Vella, when the building collapsed, but also for the lack of surveillance and the collapse of the residence of Rita Vella, her son Joseph Vella and her brother Anthony Mifsud...omissis... the Court of First Instance itself declared that 'the excavation is a very dangerous operation' but Architect Azzopardi was never present although he lived in Sliema. Thus the judgement appealed in so far as it declared that the Architect is not to blame for the damage which occurred in the building of third parties (the applicant) is incorrect legally and factually.

10. Another grievance relates to the lack of liquidation of moral damages in the case of the plaintiff which was caught alive under the debris. Their mother Rita Vella, died in this incident. The applicant does not agree at all on the mode how our Courts applied the civil law, regarding damages, which does not acknowledge moral damages in civil matters, the applicant brought forward this appeal, so that till the appeal filed by him is appointed, there shall have been carried out the reform in the sphere of civil damages and there come into force moral damages or rather for 'pain and suffering'.

11. Another grievance relates to the damages suffered by the plaintiff when he finished without a residence. The Court of First Instance stated that the plaintiff is demanding payment due to his ending up without a residence and lost his personal belongings. The Court of First Instance commented 'After the Court saw the records it did not result that the plaintiff brought about proof regarding the damages he allegdely suffered.....omissis..The Court observes that it gave every party the opportunity to present a note with questions to the technical referee. In this regard the plaintiff remained silent. With the utmost respect, the applicant states that this is not the correct position. The applicant brought foward proof in the principal cause and brought foward a note of submissions in the principal cause. The three lawsuits were heard together and the proof was all brought foward in the principal cause 1111/00.

12.Another grievance relates to the liquidation of the value of the movables. No liquidation of the furniture which Joe Vella had, was made. Can it be that he had no furniture in the premises 25, when he lived there ? The list of furniture of the plaintiff Joe Vella, was presented in the records of the cause but nothing was liquidated.

13. Another grievance concerns the loss of use of the premises number 25. The premises which collapsed was the place of residence of Joseph Vella. He not only ended up without a home but lost all that he possessed. He lost everything...omissis..... Thus this loss is to be quantified 'arbitrio boni viri' because there existed the right of use and habitation.

14. L-aggravju dwar l-ispejjez ġudizzjarji diġà saret referenza għalih. In succint dan l-attur ġie mirdum taħt it-terrapien u issa qed jiġi mirdum taħt valanga ta' spejjez ġudizzjarji...omissis.. Il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti, fil-kawża prinċipali illi 'l-konvenut tħarrku mill-atturi kollha. Għażla libera li saret mill-atturi. Mela huma l-atturi li jridu jġorru l-piż tal-ispejjeż ta' dawk il-konvenuti li ma nstabux responsabbli għall-inċident' hija ovvjament konklużjoni li tippresumi d-don tal-profezija li l-esponent m' għandux jagħmel aktar sens li wieħed iġħid li 'prima facie ' l-attur kellu raġun iħarrek ukoll il-konjugi Straface u l-Perit Philip Azzopardi, iżda ladarba l-Qorti, ħasset li dawn għandhom jiġu ezonerati, l-ispejjeż ġudizzjarji tagħhom għandhom ibatuhom il-konvenuti.

15. Għaldaqstant l-esponent filwaqt li jinterponi dan l-appell mis-sentenza appellata mogħtija fis-16 ta' Mejju 2014, fl-ismijiet premessi, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, jogħġobha timmodifika s-sentenza appellata billi tilqa' dan l-appell, tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata, kif mitlub f' dan ir-rikors, bl-ispejjez kontra l-konvenuti ikundannati.

Notifika: Appellat: Perit Philip Azzopardi, 167, St. Lucia Street, Valletta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, (Appelli) illum 21 ta' Awwissu 2014.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali.

14. Reference to the grievance regarding the judicial expenses was already made. In brief this plaintiff was caught under the debris and is now being caught under an avalanche of judicial expenses...omissis... The conclusion of the Court of First Instance in the principal lawsuit that ' the defendants were summoned by all the plaintiffs. A free choice which was made by the plaintiffs. Therefore it is the plaintiffs who have to carry the burden of the costs of those defendants which were not found responsible for the accident, is obviously a conclusion which presumes the gift of prophecy, which the applicant does not have. It does more sense that one states that 'prima facie' the plaintiff was right to summon all the spouses Stafrace and Architect Philip Azzopardi, but once the Court, felt that these should be exonerated, their judicial expenses are to be borne by the defendants.

15. Thus the applicant whilst presenting this appeal from the judgemenet appealed given on the 16th May 2014, in the names premised, respectfully prays that this Honourable Court, modifies the judgement appealed by upholding the appeal, revoking and cancelling the judgement appealed as demanded in this application, with costs against the condemned defendants.

Notify Respondent: Architect Philip Azzopardi, 167, St. Lucia Street, Valletta.

Registry of the Superior Courts (Appeals) today 21st August 2014.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals.

1325

B'digriet tal-1 ta' Awwissu, 2014, mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'rikors preżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fid-29 ta' Mejju, 2014, minn Bank of Valletta plc (C2833) bin-numru 34/14 fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Vincent Sptieri et qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta' :

Il-garaxx, bin-numru erbgħa (4), li jifforma parti minn kumpless ta' sitt (6) garaxxijiet, bin-numru mija u ħamsin (155), Sqaq Numru 2, Main Street, Żabbar, u huwa soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' tnejn u tletin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€32.98), mill-bqija liberu u frank bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu.

By a decree given on 1st August, 2014 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

By the application filed in the Civil Court First Hall on the 29th May, 2014 by Bank of Valletta plc (C2833), application number 34/14 in the names Bank of Valletta plc vs Vincent Spiteri et being asked that the Court orders the sale by auction of the:

Garage, number four (4), forming part from a complex of six garages (6), number one hundred and fifty five (155), Alley number 2, Main Street, Żabbar, and is subject to annual and perpetual ground rent of thirty two Euro and ninety eight cents (€32.98), otherwise free and unencumbered with all its rights and appurtenances.

L-imsemmija propjeta tappartjeni lil Vincent Spiteri (K.I. 76046M) u Mary Spiteri (K.I. 422449M).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 21 ta' Awwissu, 2014.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The said property belongs to Vincent Spiteri (I.D. 76046M) and Mary Spiteri (I.D. 422449M).

Registry of the Superior Courts, this Friday, 21st August, 2014.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1326

B' digriet mogħti, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-12 ta' Awwissu 2014, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Avukat Dr. Tonio Fenech noe vs Interdrive Limited et,rikors numru 391/14 JZM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata, a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq. tal-Kap. 12.

By means of a decree given, by the First Hall Civil Court, on the 12th August 2014, in the records of the Sworn application, in the names Advocate Dr. Tonio Fenech noe vs Interdrive Limited et, application number 391/14 JZM, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent company, in terms of Article 187(3) et seq. of Cap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Avukat Dr. Tonio Fenech karta tal-identità numru 473663(M) bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera Campadre Scandinavia AB kumpanija reġistrata, fl-Isvezja, indirizz ta' reġistrazzjoni Regerinsgsgaten 25, 1153, Stokkolma, l-Isvezja, numru ta' Reġistrazzjoni tal-Vat SE556795-7245-01.vs 1. Interdrive Limited C 51382 u 2. Tina Agri Passaport Ġermaniż Numru 118714844, fis-7 ta' Mejju 2014, is-socjeta rikorrenti, talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

By means of a Sworn Application, filed, in the First Hall Civil Court, in the names Advocate Dr.Tonio Fenech, idenity card number 473663(M) as special mandatary of the foreign company Campadre Scandinavia AB, a company registered, in Switzerland, registered address Regeringsgaten 25, 1153, Stockholm, Switzerland, Vat Registration number SE556795 -7245 01 vs 1.Interdrive Limited C 51382 and 2. Tina Agri German Passport Number 118714844, on the 7th May 2014, the applicant company asked this Honourable Court:

1.....Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-oġġetti mibjugħa u kkonsenjati lis-soċjetà rikorrenti, mis-soċjetà intimata huma foloz u mhux awtentiċi u/jew ma humhiex tal-kwalità pattwità okkorrendo bl-opera ta' esperti maħtura mill-Qorti għal dan il-ghan, tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati jew min minnhom agixxew in mala fede tul in negozju kollu mas-soċjetà rikorrenti u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

1..... To declare and decide that the objects sold and transferred to the applicant company, by the respondent company are false and not authentic and /or are not of the quality agreed if necessary by means of the appointment of experts by the Court for this purpose, declare and decide that the respondents or either of whom acted in bad faith during all the business with the applicant company and uphold the other demands in the application.

Bl-ispejjeż u bl-imghax kontra l-intimati ingunti in subizzjoni.

With costs and interest against the respondents sumoned so that a reference to their evidence be made.

Notifika 1. 4, Triq l-Isqof Pace, Mellieħa.
2. St. Joseph Flats, Flat 4, Triq l-Isqof Pace, Mellieħa.

Service 1. 4, Triq l-Isqof Pace, Mellieħa.
2. St. Joseph Flats, Flat 4, Triq l-Isqof Pace, Mellieħa.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Avukat Dr. Tonio Fenech noe vs Interdrive Limited et, ġie appuntat għas-smigħ għat-13 ta' Ottubru 2014, fid 9.00 a.m.

The Sworn Application in the names Advocate Dr. Tonio Fenech noe vs Interdrive Limited et, was appointed for hearing on the 13th October 2014, at 9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Awwissu 2014.

Registry of the Superior Courts, today 22nd August 2014.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*